Minn awtoritajiet nazzjonali	91	Ex officio	2
TOTAL			174

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJIET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	3
	Għadd ta' deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	4
	Għadd ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	0
	Għadd ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	5
	Għadd ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	5
	Għadd ta' persuni akkużati	11
	Liberazzjonijiet	0
	Għadd ta' persuni liberati	1

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJIET ATTIVI TAL-UPPE

GĦADD TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP



INVESTIGAZZJONIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	37	Programmi tal-klima u l-ambjent	2
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	2
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reżjonali u urban	34	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	3	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	0	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impiegji, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	10	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	4




IS-SLOVENJA



ATTIVITÀ OPERAZZIONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2024

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **2**
 Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **3**
 Investigaturi ddedikati u speċjalizzati: **Le**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI

Minn istituzzjonijiet, korpi, ufficċċi u aġenzijs tal-UE	0	Minn partijiet privati	22
Minn awtoritajiet nazzjonali	18	Ex officio	0
TOTAL			40

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJIET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	4
	Għadd ta' deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	0
	Għadd ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	0
	Għadd ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	0
	Għadd ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	0
	Għadd ta' persuni akkużati	0
	Liberazzjonijiet	0
	Għadd ta' persuni liberati	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJIET ATTIVI TAL-UPPE

GĦADD TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP



INVESTIGAZZJONIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	1	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	3
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reżjonali u urban	20	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	3	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	1	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	1
Programmi dwar l-impiegji, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	2	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	1




SPANJA



ATTIVITÀ OPERAZZIONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2024

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **7**
Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **10**
Investigaturi ddedikati u speċjalizzati: **Le**



RAPPORI/ILMENTI RIĊEVUTI

Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	19	Minn partijiet privati	179
Minn awtoritajiet nazzjonali	42	<i>Ex officio</i>	0
TOTAL			240

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJIET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	12
	Għadd ta' deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	6
	Għadd ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti	0
	Għadd ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	6
	Għadd ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	6
	Għadd ta' persuni akkużati	7
	Liberazzjonijiet	0
	Għadd ta' persuni liberati	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJIET ATTIVI TAL-UPPE

GĦADD TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP



INVESTIGAZZJONIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	17	Programmi tal-klima u l-ambjent	2
Programmi marittimi u tas-sajd	1	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	4
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	3	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reżjonali u urban	8	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	2
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	2	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	3	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impiegji, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	3	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	12

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI FIL-KAŻIJET TACHNA

Investigazzjoni waħda jista' jkollha fil-mira varjetà ta' reati kriminali. Din it-taqSIMA tiddeskrivi fil-qosor it-tipi differenti ta' reati investigati mill-UPPE.

2 105



Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist

33.19 %

591



Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist

9.32 %

385



Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF

6.07 %

480



Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT

7.57 %

1 287



Frodi relatata mad-dħul mill-VAT

20.29 %

191



Korruzzjoni

3.01 %

115



Miżapproprazzjoni

1.81 %

380



Ħasil tal-flus

5.99 %

808



Reat marbut inseparabilment

12.74 %



FRODI RELATATA MA' NEFQA MHUX TA' AKKWIST

Sa tmiem l-2024, madwar **33 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist**. Din it-tip ta' frodi titwettaq permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' **dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti**, li għandha bħala effett, il-miżappropazzjoni jew iż-żamma illeċita ta' fondi jew assi mill-baġit tal-UE jew mill-baġits ġestiti minnha, jew f'isimha. Dawn jinkludu għajjnuna finanzjarja, sussidji u fondi tal-UE.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, l-UPPE identifika xejriet ta' dan it-tip ta' użu froulderi ta' fondi tal-UE f'setturi bħall-agrikoltura u s-sajd, il-programmi ERASMUS, l-iżvilupp reġjonal, il-kura tas-saħħa, l-affarijiet soċċali, iż-żgħażaqgħ u x-xogħol, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-fondi għall-irkupru mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari dawk taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-Kummissjoni Ewropea, kieno wkoll fil-mira tal-frodaturi. L-involviment ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fi frodi mhux relatata ma' akkwist ġie ddokumentat ukoll.

Xejriet komuni ta'din it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Talba għal sussidji tal-UE permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew dokumenti ffalsifikati**, inklużi diplomi ta' esperti biex jiġu ssodisfati rekwiżiti ta' finanzjament spċifici (bħal kriterji ta' eligibbilt u ta' eskużjoni). Din tista' tinkludi l-ħabi ta' ċirkostanzi ta' skwalifika bħal kundanni kriminali preċedenti jew il-ħolqien ta' ċirkostanzi artifiċjali sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' eligibbilt, bħal dikjarazzjoni eċċessiva tad-daqiż jew tal-kwalità ta' art agrikola eliġibbli);
- **Sottomissjoni ta' kostijiet addizzjonal eċċessivi**, dikjarazzjonijiet foloz rigward il-pagament ta' esperti jew sottokuntratturi, rekords foloz ta' attendenza għal sessjonijiet ta' ħidma jew programmi ta' taħriġ, jew fatturi foloz biex jiżdied b'mod artifiċjali l-prezz tat-tagħmir mixtri, sabiex jibalbu sussidji oħla mill-UE;
- **Talba għar-rimborż għal servizzi li jew ma' ġewx ipprovduti jew li kienu taħt l-standards maqbula** (eż. għotjiet ipprovduti għal servizzi ta' taħriġ għal impieg jew ta' assistenza mhux eżistenti);
- **Manipulazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji** (eż. billi l-kostijiet tal-personal jiġu rappreżentati ħażin), biex jiżdied l-ammont tal-pagamenti riċevuti;
- **Talba u ksib ta' finanzjament dopju**, fejn, permezz ta' qerq, attivitā tiġi ffinanzjata bosta drabi minn awtoritajiet differenti (spiss fi Stati Membri differenti), li ma jkunux konxji tal-kontribuzzjonijiet li jkunu saru minn oħrajan.

L-Awstrija: 15-il arrest f'investigazzjoni ta' frodi ta' EUR 3.5 miljun li kienet tinvolvi l-fondi tal-RRF⁴⁷


F'Novembru 2024, fuq talba tal-UPPE, il-Pulizija Kriminali ta' Vjenna arrestat 15-il suspettat u wettqet 37 tfittixja fuq każ ewlioni ta' frodi mhux relatata ma' akkwist. L-UPPE skopra bosta organizzazzjonijiet kriminali li kien hemm suspett li ffrodaw aktar minn EUR 3.5 miljun mill-hekk imsejjaḥ programm "Reparaturbonus" ("Bonus għat-Tiswija") iffinanzjat mill-UE permezz tal-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

Ir- "Reparaturbonus" huwa inizjattiva tal-gvern Awstrijak, li jippromwovi u jinċentiva t-tiswija ta' apparat elettroniku u apparat domestiku. L-iskop tiegħi huwa li tiġi mħeġġa s-sostenibbiltà, jitnaqqas l-iskart elettroniku u jiġu appoġġġati n-negożji ta' tiswija lokali. Il-persuni suspectati wettqu l-frodi



mhux relatata ma' akkwist billi allegatament irreġistraw kumpaniji eżistenti iżda wkoll ħafna kumpaniji fittizji bħala negozji sħab tar- "Reparaturbonus". Dan ippermiettelhom jissottomettu talbiet għar-rimborż għal tiswijiet lill-aġenzija nazzjonali amministrativa u ta' finanzjament tal-programm. Wara li ġew ikkonfermati bħala negozji sħab, il-persuni suspectati ssottomettew eluf ta' talbiet għar-rimborż fejn talbu sussidji għal tiswijiet li allegatament qatt ma seħħew. B'dan il-mod, l-organizzazzjonijiet kriminali kellhom l-għan li jiksbu b'mod froulderi aktar minn EUR 3.5 miljun f'sussidji.

Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liġi.



FRODI RELATATA MA' NEFQA TA' AKKWIST

Sa tmiem l-2024, madwar **9 %** tar-reati investigati mill-UPPE kieni jikkonċernaw **suspett ta' frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist**. Ħafna drabi din il-frodi timmanifesta ruħha fil-**manipulazzjoni illegali tal-proċeduri tal-offerti għal xogħliljet pubbliċi**, bħal rinnovazzjoni ta' bini tal-gvern u infrastruttura tat-trasport. Il-frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist titwettaq b'mod predominant permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti. Il-falsifikazzjoni tad-dokumenti xi drabi titwettaq bħala reat marbut inseparabilment. Bosta każjiet jinkludu l-involviment ta' uffiċjali pubbliċi korrotti.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-UPPE identifika xejriet ta' dan it-tip ta' użu froudenti tal-fondi tal-UE f'setturi bħall-infrastruttura u l-iżvilupp regionali, l-agrikoltura, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-affarijiet soċċjali u r-riżorsi umani. Barra minn hekk, il-frodi li tikkonċerna l-fondi relatati mal-pandemja tal-COVID-19 qed tiġi investigata.

Xejriet komuni ta'din it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni jfoloz fi proċeduri tal-offerti**, inkluża rappreżentazzjoni ħażina permezz ta' dokumenti foloz, ħabi ta' sanzjonijiet, ħabi ta' insolvenza, jew rapportar ħażin tal-kwalifikati tal-membri tal-konsorzu, biex jidhru b'mod falz li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sejħa għall-offerti;
- **Sottomissjoni ta' dokumenti foloz** biex tinħeba l-kwalità tax-xogħliljet jew tal-materjali użati li kienu maqbula kuntrattwalment (eż. ksur tar-rekwiżiti tekniċi, permessi ambientali meħtieġa neqsin jew l-użu ta' materjali ta' kwalità aktar baxxa) jew il-preżentazzjoni ta' fatturi għal spejjeż ineliġibbli (eż. tariffi tal-esperti) jew għal servizzi li fil-fatt ma ġewx ikkonsejnati (xogħliljet mhux eżegwiti);
- **Offerti kollużivi, b'mod partikolari f'industriji b'kompetizzjoni limitata jew għarfien espert speċjalizzat, manipulazzjoni tal-offerti, jew "favoritiżmu" illegali** (bħal meta jiġu influenzati l-bordijiet ta' selezzjoni u jinħeb il-kunflitti ta' interessa; marbuta ma' kuntratti pubbliċi, imfassla biex jagħtu l-offerta lil operatur ekonomiku speċifiku);
- **Qsim intenżjonat mill-awtorità ta' ġestjoni tal-offerta fi proċeduri differenti**, li jippermetti li l-istess beneficijari jevitaw evalwazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea;
- **Sottoutilizzazzjoni u manipulazzjoni ta' għodod ta' akkwist elettroniku**, bi żvelar selettiv ta' informazzjoni jew b'evitar ta' sistemi għal kuntratti iżgħar, li jillimitaw it-trasparenza;
- **Nuqqas li jiġu investigati jew indirizzati offerti anormalment baxxi**, li jippermettu għotjet lil kumpaniji speċifiki minkejja raġunijiet ċari ta' eskużjoni, bħal sanzjonijiet jew falliment.

Ċipru: L-UPPE jinvestiga proġett ta' bosta miljuni ta' Euro għal terminal ta' importazzjoni ta' gass naturali likwifikat⁴⁸



Fil-25 ta'Lulju 2024, l-UPPE f'Nikosija (Ċipru) ġabbar pubblikament il-bidu ta' investigazzjoni dwar proġett għal terminal ta' importazzjoni ta' gass naturali likwifikat (LNG) f'Ċipru, fuq suspett ta' frodi relatata ma' akkwist, miżapprorazzjoni ta' fondi tal-UE u korruzzjoni. Il-proġett kellu l-għan li joħloq punt tad-dħul għall-għad-dan, li jippermetti lill-pajjiż jikkonnettja mas-suq usa'tal-gass Ewropew, u kien jinvolfi kost ta' EUR 542 miljun – li minnhom madwar EUR 101 miljun ġew iffianżjati mill-programm Faċilità Nikkoliegaw l-Ewropa (FNE).

Skont l-investigazzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kuntratt falliet u ntemmet f'Lulju 2024.

L-investigazzjoni ngħatat bidu f'Marzu 2024 b'segwitu għall-pubblikkazzjoni fid-19 ta' Jannar 2024 ta' rapport mill-Uffiċċju tal-Auditjar tar-Repubblika ta' Ċipru, rigward ksur possibbi matul il-proċedura ta' akkwist u l-eżekuzzjoni sussegamenti tal-kuntratt pubbliku għall-proġett LNG. Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liġi.

Sa tmiem l-2024, madwar **20 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw l-aktar forom serji ta' **frodi tal-VAT**, marbuta ma' żewġ Stati Membri parteċipanti tal-UE jew aktar, u li kkawżaw dannu totali ta' mill-inqas **EUR 10 miljun**. L-informazzjoni disponibbli tindika li l-frodi tal-VAT evolviet b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' rappurtar, inkluż bħala konsegwenza diretta tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UPPE kontra networks kriminali attivi.

Il-frodi karusell tradizzjonal qed tiġi sostitwita bi skemi ta' frodi linear aktar frammentati, fejn il-VAT tinsteraq direttament mingħand il-klijenti minflok tintalab bħala rifużjonijiet mill-awtoritatijiet tat-taxxa. Barra minn hekk, il-firxa ta' oġġetti u servizzi involuti espandiet, b'segwitu għad-domanda fis-suq tal-UE.



Bħala regola, din il-frodi titwettaq minn gruppi ta' kriminalità organizzata, f'dik li tidher li hija ekosistema froulderi, li tippermettilhom jitħalltu ma' kummerċjanti leġittimi u magħrufa sew. Is-sofistikazzjoni ta' dawn in-networks kriminali għandha l-għan li tippermetti interazzjoni ma' imprendituri onesti kif ukoll ħasil tal-flus minn diversi reati, biex b'hekk dawn l-attivitajiet jidhru leġittimi. B'rезультат ta' dan, l-użu ta' frodi tal-VAT għall-ħasil tal-flus sar metodu dejjem aktar popolari għat-tindif u l-ġenerazzjoni ta' dħul illegali.

Il-frodi tal-VAT seħħet prinċipalment permezz tal-bejgħ ta' oġġetti elettroniċi bħal telefons ċellulari, kuffji tal-widnejn, u hard drives, kif ukoll karozzi użati, deheb, prodotti lussużi, fjuwil u prodotti relatati, polimeri, oġġetti tal-konsumatur ta'kuljum, oġġetti digiżitali bħal liċenzji tas-software, u varjetà ta' servizzi.

Xejriet komuni ta'din it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Akkwiżizzjoni u frodi karusell imwettqa minn gruppi ta' kriminalità organizzata permezz tal-ħolqien u l-kontroll ta' web vast ta' kumpaniji bi skopijiet multipli** – eż. kumpaniji intermedjarji, negozjanti neqsin, buffers, sensara, eċċ. – b'mod aktar frammentat, bil-għan li jisirqu l-VAT u biex jaħslu assi miksuba b'mod qarrieqi minn reati oħra;
- **Skema ta' frodi fuq il-marġni** li tinvolfi tnaqqis froulderi tat-tassazzjoni tal-marġni ta' profit minflok tal-prezz tal-bejgħ, bl-użu ta' fatturi foloz għal oġġetti użati;
- **Fatturazzjoni inkroċjata billi jinħeba d-dejn tal-VAT permezz ta' krediti artifiċjali tal-VAT** iġġenerati minn operazzjonijiet domestiċi;
- **Frodi fil-kummerċ elettroniku** (reġim ġenerali tal-VAT, punt uniku ta' servizz (OSS) u punt uniku ta' servizz għall-importazzjonijiet (IOSS)), jew permezz ta' abbuż fuq swieq eżistenti jew ħolqien ta' ħwienet online propriji għall-bejgħ ta' oġġetti u servizzi, minn entitajiet intra-Komunitarji u ekstra-Komunitarji;
- **Frodi tal-VAT permezz tal-abbuż tal-Proċedura Doganali 40 jew 42 b'differiment tal-VAT**, fejn negozjanti neqsin jiġu stabbiliti sempliċiment biex "jassorbu" l-obbligazzjonijiet tal-VAT u b'hekk jevitaw il-pagament tagħha fuq il-kummerċ tal-oġġetti. Din il-forma ta' frodi spiss tkun ikkombinata mal-ewwel xejra;
- **Frodi tal-VAT imwettqa minn persuni privati bl-użu ta' kumpaniji filtru u l-hekk imsejħha kumpaniji "impjanti tal-karta"**, li joħorġu fatturi għal operazzjonijiet li ma jeżistux, b'raba mal-importazzjoni ta' oġġetti prodotti f'pajjiżi mhux tal-UE fl-UE;
- **Frodi tal-VAT b'dannu ta' anqas minn EUR 10 miljun**, investigati bħala reati marbuta inseparabilment ma' skemi ta' frodi tad-dazji doganali, peress li ż-żewġ tipi ta' mġiba kriminali spiss jitwettqu permezz tal-istess atti.

Investigazzjoni Admiral 2.0: L-akbar frodi tal-VAT fl-Ewropa b'rabitiet ma' kriminalità organizzata⁴⁹



Fit-28 ta' Novembru 2024, I-UPPE f'Riga (il-Latvja) u Vilnius (il-Litwanja) immobilizza 624 ufficiali tal-infurzar tal-liġi biex iwettqu tfittxijiet u arresti f'16-il pajjiż. Abbażi tas-sejbiet mill-investigazzjoni Admiral, I-UPPE skopra assoċjazzjoni kriminali oħra suspettata bi skema kumplessa ta' frodi tal-VAT li kienet tinvolvi l-kummerċ ta' oġġetti elettroniċi popolari u li ħolqot telf stmat tal-VAT ta' EUR 297 miljun.

L-Investigazzjoni Admiral⁵⁰, li tħabbret f'Novembru 2022, hija kkunsidrata bħala l-akbar frodi tal-VAT li qatt ġiet investigata fl-UE b'dannu li issa huwa stmat għal EUR 2.9 biljun. Filwaqt li ħa vantaġġi mill-mudell deċentralizzat u mill-kapaċiṭà analitika ċentrali tiegħu, I-UPPE seta' jistabbilixxi rabtiet bejn persuni u kumpaniji taħbi l-investigazzjoni Admiral, u assoċjazzjoni kriminali

bbażata fil-pajjiżi Baltiċi. L-investigazzjoni żvelat li din l-assoċjazzjoni użat l-istess *modus operandi*, u parzialment ukoll l-istess organizzazzjoni u infrastruttura, bħall-awturi investigati taħbi Admiral, biex twettaq frodi karusell tal-VAT massiva – skema kriminali kumplessa li tieħu vantaġġi mir-regoli tal-UE fuq tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri tagħha, billi dawn huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud.

Skont l-investigazzjoni, is-suspetti stabbilew kumpaniji fi 15-il Stat Membru tal-UE, li jaġixxu bħala forniture leġittimi ta' oġġetti elettroniċi. Huma biegħu apparat elettroniku popolari b'valur ta' aktar minn EUR 1.48 biljun permezz ta' swieq online lill-klijenti li jinsabu fl-UE. Filwaqt li l-klijenti finali ħallsu l-VAT fuq ix-xiri tagħhom, il-kumpaniji tal-bejgħ ma ssodisfawx l-obbligi tat-taxxa tagħħom. Billi sempliċiment għebu, huma evitaw li jittraferixxu l-ammonti dovuti lill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali responsabbi. Sussegwentement, kumpaniji oħra fil-katina frudulenti jitħolbu rimborż tal-VAT mill-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, u joħolqu dannu tal-VAT stmat ta' EUR 297 miljun. Ir-rikavati minn din l-attività kriminali jiġi ttrasferit f'kontijiet offshore.

I-UPPE jissuspetta li aktar minn 400 kumpanija huma parti minn din l-iskema frudulenti kumplessa, li huwa maħsub ukoll li ntużat għall-ħasıl ta' rikavati li jirriżultaw minn traffikar tad-droga, tipi differenti ta' ċiberkriminalità, u frodi tal-investimenti. Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħażja fil-qrat kompetenti tal-liġi.



FRODI RELATATA MA' DĦUL MHUX MILL-VAT

Sa tmiem l-2024, madwar **8 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT**. B'mod partikolari, is-sottovalutazzjoni, l-użu ħażin tal-proċeduri doganali, il-kuntrabandu, il-kuntrabandu tat-tabakk, u l-frodi relatata ma' dazji anti-dumping.

Dawn ir-reati jitwettqu l-aktar permezz tal-**użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti**, jew, f'ħafna każijiet, permezz ta' **kuntrabandu**, mingħajr ebda dokumentazzjoni.

Din it-tip ta' frodi taffettwa firxa wiesgħa ta' prodotti, inklużi tessuti, elettronika, madum taċ-ċeramika, roti elettriċi, karozzi, materjali industrijali bħal profili tal-aluminju, pajpjiet tal-azzar, u fibra tal-ħġieġ, kif ukoll oġġetti li jiddaħħlu b'kuntrabandu b'mod komuni bħal tabakk, roti, komponenti industrijali, spare parts, provvisti mediċi (bħal maskri u ġagagi), kożmetiċi, pannelli solari, u bijodiżil.


Xejriet komuni ta'din it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet doganali mhux korretti u fatturi foloz** biex jiġu evitati d-dazji doganali u d-dazji anti-dumping, permezz ta'sottovalutazzjoni tal-oġġetti importati, dikjarazzjoni mhux korretta tal-produttur jew tal-pajjiż ta' oriġini;
- **Dikjarazzjonijiet foloz ta' importazzjonijiet doganali** rigward l-operazzjonijiet ta' assemlaġġ imwettqa fuq oġġetti importati (immuntati f'pajjiż tal-UE jew pajjiż mhux tal-UE minn partijiet li joriġinaw miċ-Ċina, eż. roti), biex l-awturi jevadu d-dazji doganali;
- **Abbuż tal-Proċedura Doganali 42**, f'każ li l-kundizzjonijiet tad-dikjarazzjoni doganali ma jiġux issodisfati, u/jew il-kontenut tad-dikjarazzjoni doganali jiġi ddikjarat b'mod mhux korrett (eż. billi jiġi ssottovalutat il-valur tat-tranżazzjoni);
- **Importazzjoni ta' roti elettroniċi**, immuntati b'partijiet tar-roti, li ġew soġġetti għal dazji anti-dumping, permezz tad-dikjarazzjoni falza tal-oriġini tal-oġġetti. Barra minn hekk, xi drabi l-oġġetti jiġu klassifikati ħażin jew sottovalutati fid-dwana biex jitnaqqsu d-dazji applikabbli. Xi frodaturi jaqsmu wkoll konsenji ta' importazzjoni biex jevitaw kwoti protettivi tal-importazzjoni, u b'hekk ikomplu jdqħajfu l-isforzi tal-UE biex tirregola u tipproteġi s-suq tagħha;
- **Kuntrabandu ta' tabakk** permezz tal-importazzjoni illegali ta' prodotti tat-tabakk fl-UE, moħbija f'kontenituri u ddikjarati b'mod falz bħala oġġetti oħra, qabel ma jiġu distribwiti lis-swieq illeċċi. Din il-prattika spiss tkun marbuta ma' abbużi doganali bħal esportazzjoni u trażbord foloz, tipikament imwettqa minn networks kriminali sofistikati u transfruntiera;
- **Il-frodi fil-kummerċ elettroniku**, li tinvolvi b'mod partikolari oġġetti importati miċ-Ċina u sfruttament ta' skemi ta' simplifikazzjoni, bħall-punt uniku ta' servizz tal-importazzjoni (IOSS), għal oġġetti b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 150, tintuża biex l-awturi jevadu d-dazji doganali u l-VAT.



FRODI RELATATA MA' DĦUL MHUX MILL-VAT

**Il-Belġju: Tliet persuni nstabu ħatja ta' evażjoni ta'
EUR 3.1 miljun f'dazji doganali fuq roti elettriċi importati⁵¹**



Fid-19 ta' April 2024, individwu wieħed u żewġ kumpaniji nstabu ħatja ta' evażjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' roti elettriċi (e-bikes) miċ-Ċina, b'segwitu għal każ investigat u pproċessat mill-UPPE fi Brussell (il-Belġju).

Ir-roti elettriċi ġew importati fl-UE minn kumpanija Franċiża billi għaddew mill-port ta' Antwerp, permezz ta' kumpanija li ssodisfat il-formalitajiet doganali fil-Belġju. L-investigazzjoni wriet li r-roti elettriċi ġew importati deliberatament f'partijiet separati, biex jiġi evitat il-pagament ta' dazji anti-dumping dovuti fuq l-importazzjoni ta' roti elettriċi kompletament immuntati. Ir-roti elettriċi mbagħad ġew immuntati fi Franzia mill-importatur Franċiż. L-importatur Franċiż u l-maniġer tiegħi, kif ukoll il-kumpanija Belġana li ssodisfat il-formalitajiet doganali, instabu ħatja li ppreżentaw dikjarazzjonijiet doganali mhux korretti biex jevadu d-dazji anti-dumping u kumpensatorji.

Fis-sentenza tagħha tal-11 ta' April 2024, is-sezzjoni kriminali tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'Antwerp ikkundannat il-maniġer tal-kumpanija Franċiża li timporta r-roti elettriċi mill-Belġju għal sentenza ta' ħabs ta' 12-il xahar, sospiża għal perjodu ta' prova ta' 5 snin. Il-Qorti sabet ukoll ħatja lill-kumpanija Franċiża li timporta r-roti elettriċi u l-kumpanija Belġana li ssodisfat il-formalitajiet doganali. Kull wieħed mit-tliet konvenuti ġie kkundannat għal multa ta' aktar minn EUR 15.5 miljun, sospiża matul perjodu ta' prova ta' tliet snin, ħlief għal parti li kellha effettivament titħallas. Barra minn hekk, il-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu l-valur tal-oġġetti importati (madwar EUR 4.4 miljun), kif ukoll it-taxxi u d-dazji evażi, li kienu jammontaw għal total ta' EUR 3.1 miljun.

Attwalment il-każ jinsab fi proċedimenti ta' appell.



Sa tmiem l-2024, madwar **3 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **korruzzjoni attiva u passiva ta' uffiċjali pubbliċi** (uffiċjali tal-UE u nazzjonali). B'mod partikolari, il-proċeduri ta' akkwist pubbliku nstabu li huma f'riskju ta' attivităt ta' korruzzjoni minn uffiċjali pubbliċi, jew fil-kapaċità tagħhom bħala membri ta' bordijiet ta' evalwazzjoni jew permezz ta' tentattivi illeċċiti li jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet f'tali proċeduri. Dan huwa partikolarmen evidenti f'setturi ta' akkwist ta' valur għoli u speċjalizzati bħall-kura tas-saħħha, l-infrastruttura u t-teknoloġija, li jissuġġerixxi vulnerabbiltajiet fil-mekkaniżmi ta' sorveljanza.

Il-gruppi ta' kriminalità organizzata, li spiss joperaw f'għadd kbir ta' pajiżi, għandhom rwol dejjem akbar fl-iskemi ta' korruzzjoni. Il-korruzzjoni li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE tista' tkun marbuta ma' reati serji oħra, inklużi dawk barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-UPPE, bħat-traffikar tad-droga, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, u t-traffikar tal-armi.

L-Italja: Impiegati taċ-ċivil suspettati b'korruzzjoni relatata ma' fondi tal-RRF u involviment f'organizzazzjoni kriminali

Fl-24 ta' Ottubru 2024, fuq talba tal-UPPE f'Ruma (l-Italja), il-Pulizija tal-Istat Taljana wettqet bosta tfittxijiet fid-djar, arresti u sekwestri fir-reġjuni ta' Lazio u Campania, fl-ambitu ta' investigazzjoni fuq allegata assoċjazzjoni kriminali, suspettata b'korruzzjoni, għall-għotxi ta' proġetti ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-UE għall-Italja.

Ħames impiegati taċ-ċivil, inkluż is-sindku tal-muniċipalità ta' Ceccano kienu suspettati b'involviment f'organizzazzjoni kriminali li kienet topera fi skema sofistikata ta' korruzzjoni. L-investigazzjoni, bl-isem kodiċi "The Good Lobby", żvelat li għadd kbir ta' individwi u kumpaniji ngħataw kuntratti pubbliċi, li l-valur tagħhom kien jammonta għal total ta' EUR 5 miljun u li kienu ffinanzjati mill-RRF, bi skambju għal tixxim.

Fost il-proġetti differenti, li ġew assenjati bejn l-2021 u l-2023, kien hemm xogħlijet ta' protezzjoni kontra t-terremoti fl-iskola elementari ta' Ceccano, titjib

Xejriet komuni ta' din it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Tixxim imwettaq minn uffiċjali pubbliċi**, bi skambju għall-għotxi ta' fondi tal-UE għal proposti speċifiċi ta' proġetti jew servizzi;
- **Tixxim imwettaq minn uffiċjali pubbliċi**, bi skambju għall-approvażzjoni ta' kostijiet addizzjonali ineliġibbli u eċċessivi, matul il-fażi ta' eżekuzzjoni ta' proġett;
- **Manipulazzjoni diġitali**, bħal tibdil ta' bażżejjiet ta' data jew fatturi elettroniċi, b'riżultat ta' żieda fil-finanzjament tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi amministrattivi u finanzjarji, li introduċiet vulnerabbiltajiet ġoddha.



fis-sikurezza tal-infrastruttura pubblika fil-belt u proġett dwar servizzi ta' akkoljenza u akkomodazzjoni ta' migranti fil-belt. Huwa allegat li parti mit-tixxim imħallas mill-benefiċjarji tal-proġett ġie ttrasferit direttament lill-membri tal-assoċjazzjoni, u parti oħra qiet ittrasferita lil kumpaniji fittiżi ġestiti mis-suspettati, li min-naħħa tagħhom ħarġu fatturi foloz.

Il-Pulizija tal-Istat Taljana eżegwiet miżuri ta' prekawzjoni kontra 13-il suspettat. Dawn il-miżuri kienu jinkludu l-arrest domiċċiljari ta' 10 suspettati u 3 suspettati soġġetti għal miżuri restrittivi, li jiprojbx-xuhom milli jinvolu lilhom infushom f'attività jipperiferi kummerċiali jew li jkollhom pożizzjonijiet maniġjerjali għal sena.

L-imħallef għall-investigazzjoni preliminari fil-Qorti ta' Frosinone ħareġ ordni ta' ffriżar ta' EUR 500 000, li il-Pulizija tal-Istat Taljana eżegwiet. Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liggi.



MIŻAPPROPRJAZZJONI

Madwar **2 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem I-2024 kieni jikkonċernaw **mižapprōpjazzjoni**.

Il-mižapprōpjazzjoni sseħħi meta uffiċjal pubbliku, li jkun inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi jew tal-assi, jippenjahom, jiżborżahom, jallokahom jew jużahom għal skop ieħor għajr dak li kienu oriġinarjament maħsuba għalih, u b'hekk jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-UE.

Il-mižapprōpjazzjoni ta' spiss timmanifesta fid-devjazzjoni tal-fondi tal-UE minn persuni suspettati li jissottomettu dokumenti foloz jew fatturi relatati ma' karigi fittizji jew ma'talbiet għar-rimborż mhux dovuti (pereżempju, spejjeż għall-ivjaġġar foloz), jew jittrasferixxu remunerazzjonijiet ta' uffiċjali tal-UE lil individwi li ma jkunux intitolati li jirċevuhom. Din tista' tinkludi wkoll l-użu ħażin ta' fondi mogħtija lil assistenti parlamentari Ewropej, id-devjazzjoni tagħhom għal għad-dan finanzjarju personali, kif ukoll il-faċilitazzjoni ta' mižapprōpjazzjoni minn impjegati ta' awtoritajiet ta' ġestjoni jew aġenċiji nazzjonali responsabbi.

Il-Litwanja: L-UPPE jwettaq tfittxijiet fl-ambitu tal-investigazzjoni dwar mižapprōpjazzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Infrastruttura BaltCap⁵³



Fi Frar 2024, fuq talba tal-UPPE f'Vilnius (il-Litwanja), twettqu 15-il tfittxija f'bosta postijiet, bħala parti minn investigazzjoni dwar il-mižapprōpjazzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Infrastruttura BaltCap.

Il-miżuri investigattivi twettqu mis-Servizz tal-Litwanja għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Finanzjarja (Finansinių nusikaltimų tyrimo tarmiha – FNTT) f'bosta kumpaniji fil-Litwanja. Seħħet tfittxija waħda f'kumpanija fl-Estonja.

Fil-bidu ta' Frar 2024, l-UPPE ħa f'idejh kawża kriminali li ngħatat bidu mill-Uffiċċju tal-Prosekuratur Reġjonali tal-Litwanja f'Vilnius, rigward il-mižapprōpjazzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Infrastruttura BaltCap – fond ta' investiment ta' EUR 80 miljun, iffokat fuq proġetti ta' infrastruttura fil-pajjiżi Baltic. Il-Fond għall-Infrastruttura BaltCap huwa appoġġġat mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) b'EUR 20 miljun, skont il-Pjan ta' Investiment tiegħi għall-Ewropa.

Skont l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess, is-Sur Sarunas Stepukonis, eks sieħeb tal-Fond għall-Infrastruttura BaltCap, u eks membru tal-Kumitat ta' Investment tiegħi, kien suspectat li seraq mill-inqas EUR 27 miljun mill-Fond. Abbażi tal-evidenza, il-biċċa l-kbira tal-flus misruqa setgħu ntużaw għal-logħob tal-azzard fil-każinos fil-Litwanja u fl-Estonja.

Is-suspettatt ġie finalment detenut fl-10 ta' Frar 2024, fuq talba tal-UPPE.

L-investigazzjoni li għadha għaddejja hija ffokata fuq l-aċċertar tal-firxa tal-attivitàjet kriminali suspettati u tad-dannu kkawżat, kif ukoll fuq il-lokalizzazzjoni u l-konfiska ta' assi il-leċċi, sabiex jiġi rkuprat d-dannu lill-baġit tal-UE. Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liġi.



Madwar **6 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem I-2024 kienu jinvolvu **ħasil tal-flus** derivat mir-reati kriminali li l-UPPE għandu l-kompetenza li jinvestiga.

Il-ħasil tal-flus huwa l-proċess li bih ir-rikavati kriminali “jtnaddfu”, biex b’hekk l-oriġini illegali tagħhom jiġu moħbija. Il-ħasil tal-flus f’investigazzjonijiet tal-UPPE li għadhom għaddejjin jidher principally f’każijiet ta’ frodi tal-VAT. Dan jista’ jitwettaq ukoll bi proprjetà derivata mis-sottovalutazzjoni tad-dazzi doganali (frodi ta’ dħul mhux mill-VAT) jew mill-iffrodar ta’sussidji (agrikoli) (frodi relatata ma’ nefqa mhux ta’ akkwist).

Il-kriminali jużaw sistemi finanzjarji sotterrani biex jipproċessaw tranżazzjonijiet u pagamenti lil hinn mill-mekkaniżmi ta’ sorveljanza. Huma jinvolvu wkoll intermedjarji finanzjarji ufficjalji billi jittraferixxu r-rikavati tal-kriminalità f’kontijiet bankarji ta’ kumpaniji li jinħolqu barra mill-pajjiż jew li jiġu ġestiti minn membri tal-familja, biex imbagħad potenzjalment jiġbdu l-flus fi flus kontanti.

Il-ħasil tal-flus jitwettaq ukoll permezz tax-xiri ta’ proprjetà immobbli jew ta’ oġġetti lussu iż-żebi mill-ġdid tagħhom, li jagħmilha aktar diffiċċi biex jiġu traċċati l-fondi, u billi l-profitti minn attivitajiet kriminali jiġu investiti mill-ġdid f’attivitajiet ekonomiċi fi swieq leċċi jew illeċċi (bħat-traffikar tad-droga).

Xejriet komuni ta’ din it-tip ta’ frodi jinkludu:

- **Trasferimenti għal rifuġji fiskali:** Il-fondi illeċċi jiġu ttransferiti lir-rifuġji fiskali jew lill-pajjiżi li ma jikkoperawx, u dan jikkumplika l-isforzi biex jiġu ripatrijati l-flus, anke meta tiġi identifikata l-lokazzjoni tagħhom;
- **Ħasil tal-flus ibbażat fuq il-kummerċ:** Il-kriminali jaħbu l-flus illegali permezz ta’ tranżazzjonijiet kummerċjali kumplessi, bħal self u fatturi foloz, biex jagħmlu l-fondi jidhru leġgħittimi. Din it-teknika spiss tkun marbuta ma’ skemi ta’ frodi tal-VAT;
- **Użu ta’ sistemi bankarji informali:** L-awturi tar-reati jserrħu fuq sistemi informali ta’ trasferiment ta’ flus, bħal servizzi bankarji hawala, jew networks paralleli mhux awtorizzati, speċjalment biex jittraferixxu fondi lejn lokazzjoni aktar sikuri bħall-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom;
- **Tekniki ta’ ħasil tal-flus ibbażati fuq il-flus kontanti:** Metodi bħal “smurfing” (qsim ta’ ammonti kbar ta’ flus kontanti f’depożiti iż-żgħarr biex tiġi evitata d-deteżżjoni) u l-kunrabandu ta’ flus kontanti bl-ingrossa (it-trasport ta’ somon kbar ta’ flus kontanti bejn il-fruntieri mingħajr ma jiġu ddikjarati) huma modi komuni biex wieħed iċaqlaq u jaħbi r-rikavati illeċċi.

Investigazzjoni “Resilient Crime”: 22 arrest f’rajd kontra organizzazzjoni kriminali suspettata bi frodi li kienet tinvolvi l-fondi NextGenerationEU⁵⁴



F’April 2024, fil-kuntest ta’ investigazzjoni internazzjonali fuq skala kbira mmexxija mill-UPPE f’Venezja (I-Italja), seħħew għexieren ta’ tfittxijiet u sekwestri, li wasslu għal 22 arrest fl-Italja, fl-Awstrija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, fl-ambitu ta’ investigazzjoni dwar allegata organizzazzjoni kriminali suspettata li ffrodat fondi parżjalment koperti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-UE, li kienu allokat għall-Italja.

Kienu 8 l-persuni suspettati li tqiegħdu taħt detenżjoni qabel il-proċess, filwaqt li l-14-il persuna suspettata l-oħra nżammew taħt arrest domiċċiljari, u kontabilista kien ipprojbit milli jeżerċita l-professjoni tiegħi. Il-bini tas-suspettati u tal-kumpaniji investigati kienu wkoll soġġetti għal tfittxijiet u konfiska ta’ evidenza.

L-UPPE għandu fil-mira assoċjazzjoni kriminali li hija suspettata li, bejn I-2021 u I-2023, orkestrat skema ta’ frodi biex jinkisbu fondi mill-Pjan Nazzjonali Taljan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRP), li huwa parti mill-RRF, il-pilastru ewlieni tal-pjan ta’ rkupru NextGenerationEU. Fl-2021,

il-membri tal-assoċjazzjoni kriminali applikaw biex jirċieu għotjiet mhux ripagabbi għall-appoġġ tad-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-kompetiċċità ta’ kumpaniji żgħar u ta’ daqs medju, bl-iskop li jespandu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom għal swieq barran. L-allegati persuni suspettati ħolqu u d-depożitaw karti bilanċċali korporattivi foloz biex juru li l-kumpaniji kienu attivi u profittabbli, filwaqt li fil-fatt kienu kumpaniji mhux attivi u fittizji.

Hekk kif ġew riċevuti l-pagamenti bil-quddiem, il-fondi miksuba b'dan il-mekkaniżmu frudulenti ġew ittraferiti f’kontijiet bankarji fl-Awstrija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, fi skema enorġi ta’ ħasil tal-flus. Is-suġġetti taħt investigazzjoni użaw teknoloġiji avvanzati, bħal VPNs, servers tal-cloud li jinsabu barra mill-pajjiż, kriptoassi u software tal-intelliġenza artifiċjali, sabiex iwettqu l-imġiba frudulenti u jaħbu u jipproteġu r-rikavati tal-kriminalità.

Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liġi.



PARTEĊIPAZZJONI F'ORGANIZZAZZJONI KRIMINALI⁵⁵

Madwar **6 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2024 kienu jikkonċernaw **il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali**, li l-attività kriminali tagħha kienet iffokata fuq **l-ikkummissjonar ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija hawn fuq.**

F'investigazzjonijiet tal-UPPE li għadhom għaddejjin, il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali spiss tkun ralatata ma'skemi ta' frodi karusell tal-VAT jew ma'frodi

doganali. Madankollu, l-organizzazzjonijiet kriminali joperaw ukoll fil-qasam tal-frodi relatata ma'nefqa mhux tal-akkwist (pereżempju, iffradar organizzat ta' fondi agrikoli jew fondi tal-UE allokati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), frodi relatata ma'nefqa ta' akkwist (bħal parteċipazzjoni illegali f'għadd kbir ta' proċeduri ta' akkwist fuq skala kbira) jew frodi relatata ma'dħul mhux mill-VAT (bħall-ħasil tar-rikavati kriminali minn gruppi ta' kriminalità organizzata involuti fis-sottovalutazzjoni ta'oġġetti importati miċ-Ċina).


Investigazzjoni "Moby Dick": Il-clans mafjużi jinvestu fi frodi tal-VAT li tamonta għal EUR 520 miljun⁵⁶

Fl-14 ta' Novembru 2024, f'investigazzjoni mmexxija mill-UPPE f'Milan u Palermo (I-Italja), bl-isem kodiċi "Moby Dick", ġew eżegwiti ordnijiet ta' detenzjoni għal 43 persuna suspettata.

Twettqu 160 tfittixja f'aktar minn 10 pajjiżi, li kienu jinvolvu mijiet ta' uffiċjali tal-pulizija. Ġew ordnati miżuri investigattivi f'bosta pajjiżi tal-UE, inklużi l-Bulgarija, il-Kroatja, Ċipru, iċ-Ċekja, I-Italja, il-Lussemburgo, in-Netherlands, is-Slovakkja u Spanja, kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE. B'kollox ġew investigati 195 individwu, b'aktar minn 400 kumpanija involuta. L-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffrīżar ta' aktar minn EUR 520 miljun għiet ordnata biex tikkumpensa d-dannu lill-baġijs tal-UE u dawk nazzjonali. Fl-Italja biss, ġie eżegwit l-iffriżar ta' 129 kont bankarju, u ġew sekwestrati 192 proprijetà immobblji, flimkien ma' 44 karozza u dgħajsa lussużi.

Il-livell ta' kumplessità u effiċjenza ta' din l-assoċjazzjoni kriminali li twettaq frodi karusell tal-VAT huwa bla preċedent. Bejn l-2020 u l-2023, din ħarġet fatturi għall-bejgħ ta' kuffji, laptops u oġġetti elettroniċi oħra ta' aktar minn EUR 1.3 biljun.

Skont l-investigazzjoni, jidher ukoll li ntużaw metodi mafjużi biex jiġu solvuti kunflitti li rriżultaw fi ħdan l-assoċjazzjoni kriminali bejn il-membri tal-organizzazzjonijiet kriminali differenti.



Il-frodi karusell tal-VAT tieħu vantaġġi mir-regoli tal-UE dwar it-tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri tagħha, minħabba l-fatt li dawn huma eżentati mill-VAT. Abbażi tal-evidenza, is-suspettati stabbilew kumpaniji fl-Italja u fi Stati Membri oħra tal-UE, kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE, sabiex jinnejgozjaw l-oġġetti permezz ta' katina frudulenti ta' kummercianti neqsin – li jegħbu mingħajr ma jissodis faw l-obbligi tat-taxxa tagħhom. Kumpaniji oħra fil-katina frudulenti mbagħad jitbolu rimborżi tal-VAT mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali.

L-Imħallef għall-Investigazzjonijiet Preliminari fil-Qorti ta' Milan ordna l-arrest preventiv ta' 43 mis-suspettati. Inħarġu seba' mandati ta' arrest Ewropej fuq talba tal-UPPE għal persuni suspettati li kienu jinsabu fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fin-Netherlands, fi Spanja, u f'pajjiżi mhux tal-UE. Erba' suspettati oħra kienu soġġetti għal projbizzjoni temporanja mill-prattika ta' attivitat kummerċjali.

L-investigazzjoni twettqet mill-Pulizija Finanzjarja Taljana ta' Varese (Guardia di Finanza ta' Varese) u l-Pulizija tal-Istat Taljana (Squadra Mobile di Palermo u Servizio Centrale Operativo), taħt is-superviżjoni tal-UPPE. Għall-investigazzjoni kkontribwiet ukoll il-Pulizija Finanzjarja Taljana ta' Milan u ta' Palermo. Il-miżuri investigattivi twettqu bl-appoġġ tal-Europol u ta' bosta aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrati kompetenti tal-liġi.



REAT MARBUT INSEPARABBILMENT

Sa tmiem l-2024, madwar **13 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu **reati kriminali** oħra li huma **marbuta inseparabilment ma' reat PIF**.

Biex tiġi żgurata l-effiċjenza fl-investigazzjoni ta' reati li jaffettaw l-interessi finanzjarji tal-UE u l-konformità mal-prinċipju ta' ne bis in idem⁵⁷, f'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ, li l-investigazzjoni tiġi estiża għal reati oħra skont il-liġi nazzjonali, fejn il-fatti sottostanti jkunu sostanzjalment l-istess.

Ir-reat l-aktar komuni marbut inseparabilment huwa dak tal-falsifikazzjoni, u normalment jakkumpanja reati ta' frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist jew ta' akkwist imwettqa permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti. Il-falsifikazzjoni tinstab ukoll f'każijiet ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT u frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT. F'xi każijiet, il-frodi tal-VAT li tinvolvi dannu ta' anqas minn EUR 10 miljun tiġi investigata bħala reat marbut inseparabilment ma' frodi doganali, peress li ż-żewġ tipi ta' mgħiba spiss jitwettqu permezz tal-istess atti.

Franza: Kumpanija nstabet ħatja ta' frodi doganali li tinvolvi prodotti sanitarji⁵⁸



Fit-2 ta' Ottubru 2024, b'segwitu għal investigazzjoni mill-UPPE f'Pariġi (Franza), il-Qorti Kriminali ta' Pariġi kkundannat lill-kumpanija Franċiża bi frodi doganali relatata mal-importazzjoni ta' prodotti sanitarji u ordnat lill-kumpanija tħallas multa ta' EUR 150 000.

L-investigazzjoni ngħatat bidu wara li l-awtoritajiet doganali fil-Port ta' Le Havre (DGDDI) skoprew l-irregolaritajiet f'Marzu tal-2022, u identifikaw dikjarazzjonijiet irregolari fl-importazzjonijiet mill-kumpanija ta' prodotti tal-iċċejne — inklużi ġellijiet lubrikanti, ġellijiet tal-idejn antibatteriċi, u kondoms — mit-Tajlandja u mill-Indoneżja, li kienu jiswew aktar minn EUR 6 miljun. L-awtoritajiet doganali rrappurtaw il-każ immedjatament lill-UPPE.

L-investigazzjoni, immexxija mill-UPPE u mwettqa mill-Uffiċċju Nazzjonali Franċiż Kontra l-Frodi (ONAF),

żvelat li bejn Ottubru 2019 u Lulju 2022, il-kumpanija, parti minn grupp multinazzjonali, deliberatament ikklassifikat ħażin prodotti taħt it-tariffa doganali tal-UE biex tnaqqas l-ammont ta' dazji u taxxi dovuti. Din l-iskema froudenti ppermettiet lill-kumpanija tevadi d-dazji doganali u l-VAT fuq l-importazzjoni, u kkawżat EUR 419 000 f'dannu kemm għall-bagħiż Franċiż kif ukoll għal dak tal-UE.

Il-kumpanija wieġbet ħatja li ppreżentat dikjarazzjonijiet doganali foloz biex tikseb vantaġġi finanzjarji u minn dak iż-żmien ħallset it-taxxi evażi.

Il-multa ta' EUR 150 000, ġiet imposta waqt is-seduta pubblika, li segwiet sentenza fuq talba tal-partijiet, fejn il-kumpanija talbet proċedura simplifikata u ammettiet il-ħtija. Is-sentenza fuq talba tal-partijiet ġiet approvata mill-imħallef.

#ĦARSA MILL-QRIB: INVESTIGAZZJONI JIET DWAR IL-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA⁵⁹: ATTIVITÀ EWLENIAJA TAL-UPPE

Fl-2024, nistgħu nikkonfermaw li l-investigazzjonijiet dwar il-kriminalità organizzata jinsabu fil-qalba tal-attività operazzjonali tal-UPPE.

Permezz ta' bosta mill-investigazzjonijiet tagħna, skoprejnej networks kriminali dejjiema u strutturati sew, li jippermettu lill-gruppi ta' kriminalità organizzata jespandu l-attivitàajiet tagħhom lil hinn mill-attivitàajiet kriminali tradizzjonali tagħhom, bħat-traffikar tad-droga, ir-rikattar organizzat, jew it-traffikar tal-armi tan-nar, sal-kriminalità finanzjarja. Dawn in-networks polikriminali huma involuti f'għadd kbir ta' oqsma ta' kriminalità magħġuri inklużi organizzazzjonijiet kriminali tat-tip mafjuż ibbażati fl-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet simili li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiżi terzi, speċjalment attivi fil-frodi doganali u speċjalizzati fis-servizzi tal-ħasil tal-flus.

Jidher li, digħi snin ilu, dawn l-organizzazzjonijiet irrikonoxxew l-opportunitajiet kriminali offruti minn oqsma bħall-VAT u l-frodi tas-sisa, kif ukoll il-frodi doganali. B'mod partikolari, irrealizzaw li l-investiment tal-profitti minn attivitajiet kriminali oħra kien se jaġħihom il-possibbiltà li jaħslu ammonti sinifikanti mir-rikavati tagħhom fl-attivitàajiet kriminali. F'bosta Stati Membri, dawn l-attivitàajiet kienu - u għadhom - ftit li xejn identifikati, ftit li xejn investigati, u rarament jingħataw prioritā bħala qasam ta' kriminalità importanti li għandu jiġi miġgied.

Barra minn hekk, dawn l-organizzazzjonijiet kriminali ġħarfū l-opportunità li jsaħħu l-ġid tagħhom, billi investew f'oqsma ta' kriminalità li żgurawhom bi profit tħolli ġħafna, billi kkombinawha ma'riskju baxx ġħafna f'termini ta' kastig potenzjali, u għamluha estremament diffiċċi biex jiġi investigati minħabba l-kumplessità u d-dimensjoni transfruntiera inerenti tagħhom.

Barra minn hekk, dawn l-organizzazzjonijiet kriminali ġħadu vantaġġi mill-prossimità bejn dawn l-attivitàajiet kriminali mal-ekonomija legali - minħabba li l-oġġetti nnegożjati huma, per se, perfettament legali. Dawn setgħu jinfiltraw l-ekonomija legali, jew billi jsalvaw u jappoġġaw negozji f'diffikultà jew jistabbilixxu linji ta' attività fl-intier tagħħom f'kompetizzjoni ma'operaturi li josservaw il-liġi. B'rезультат ta' dan, ċerti setturi tal-kummerċ u tan-negożju issa jebtu minn infiltrazzjoni kbira ta' kriminalità u ta' investimenti kriminali, fejn il-kompetizzjoni ġusta hija f'riskju serju.

L-investigazzjoni tal-UPPE bl-isem kodiċi "Moby Dick" hija eżempju ecċelletti ta'din ix-xejra konsolidata. Din l-investigazzjoni wriet li gruppi ta' kriminalità organizzata tradizzjonali u dwak differenti, bi stil mafjuż, li jikkoperaw ma' xulxin, investew, ikkontrollaw, u kisbu profit b'valur għoli minn

skemi kbar ta' frodi tal-VAT, billi stabbilew l-organizzazzjoni u l-attivitàajiet tagħhom f'bosta Stati Membri, kif ukoll ikkooperaw b'mod strett ma' raggruppamenti oħra ta' networks kriminali indipendenti attivi f'bosta pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi.

L-investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE juru li dawn l-organizzazzjonijiet kriminali ma joqogħidux lura milli jużaw theddid serju, armi u vjolenza, sabiex jasserixxu l-pożizzjoni tagħhom ta' poter u influwenza f'dan il-qasam ta' negozju relativament ġdid.

Barra minn hekk, l-UPPE osserva li l-gruppi ta' kriminalità organizzata jużaw fil-fatt il-“forum shopping”. Huma jagħżu bir-reqqa l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fejn ċerti aspetti tal-attività kriminali tagħhom ma jiġu identifikati, jew jiġu ttollerati b'mod silenzju, jew fejn l-unitajiet investigattivi jkollhom inqas ħiliet, nuqqas ta' riżorsi, u jkunu frammentati, b'rезультат li l-investigazzjonijiet ikunu anqas effettivi.

Konsegwentement, jistabbilixxu f'dawk l-Istati Membri parti mill-organizzazzjonijiet tagħhom, u jeżegwixxu parti mill-attivitàajiet kriminali, filwaqt li jkunu konjji li r-riskju li jiġi identifikati u investigati huwa ġafna aktar baxx minn f'territorji oħra.

Fir-rigward tal-ħasil tal-flus, il-gruppi ta' kriminalità organizzata ġħadu vantaġġi mill-fatt li l-profitti mill-ikummissjonar ta' dawn ir-reati kriminali huma ġafna aktar faċli biex jinħaslu meta mqabbla ma' oqsma ta' kriminalità aktar tradizzjonali. Fil-fatt, ir-rikavati minn reati tal-kullar abjad, b'mod partikolari mill-VAT u mill-frodi doganali – kif ukoll minn frodi relatata ma' nefqa f'dak li jirrigwarda proġetti ffinanzjati mill-UE – jgħaddu permezz ta' kontijiet bankarji u finanzjarji, u jiġi ġġustifikati b'mod qarrieqi permezz ta' fatturi u dokumenti oħra li juru legalità apparenti fil-kummerċ, fil-loġistika u fit-trasport. Dan jaġħi lill-organizzazzjonijiet kriminali l-opportunità li jaħslu r-rikavati b'mod ġafna aktar faċli, minħabba li huwa faċli biex it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-ġibid ta' flus kontanti jiġi ġġustifikati.

Dan huwa konsistenti mal-iskoperta min-naħħa tal-UPPE ta' skemi ta' ħasil tal-flus bbażati fuq il-kummerċ, l-investimenti mill-kumpaniji, u l-proprietà immoblli. Dan il-mudell spissi ikollu strutturi korporativi sofistikati.

Ir-rwl tal-ħassiera tal-flus professionali huwa kruċjali. Il-ħassiera tal-flus professionali stabbilew sistemi finanzjarji sotterrani biex jipproċessaw tranżazzjonijiet malajr u b'mod effiċċienti, u jipprovd u s-servizi tagħhom lil kwalunkwe grupp ta' kriminalità organizzata, irrispettivament mir-reati predikati, jew miż-żona operazzjonali territorjali.

ĦARSA MILL-QRIB: NEXTGENERATIONEU



Sa tmiem I-2024, I-UPPE kien qed jittratta 311-il każ attiv relatati ma' NextGenerationEU, li minnhom 307 kienu ġejjin mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li jikkorrispondu għal madwar 17 % tal-investigazzjonijiet attivi kollha ta' frodi relatata ma' nefqa. Id-dannu stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE jammonta għal EUR 2.8 biljun, li jikkorrispondi għal 30 % tad-dannu stmat kumplessiv għall-frodi relatata ma' nefqa (meta mqabbel ma' 25 % is-sena li għaddiet).

Fl-2024, I-UPPE fetaħ 145 investigazzjoni ġidida. L-ġħadd ta' investigazzjonijiet tal-UPPE qed ikompli jiżdied, li huwa konsistenti mar-ritmu tal-iż-żorr tal-RRF. Peress li l-implementazzjoni tal-RRF tinsab f'anqas minn nofs triq, huwa mistenni li l-ġħadd ta' każijiet se jkompli jikber.

L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jibqgħu s-sors ewlieni ta' rappurtar, fil-fatt 90 % tal-investigazzjonijiet il-ġodda huma miftuħa abbażi tal-informazzjoni tagħhom. Ir-rapporti minn partijiet privati jammontaw għal 6 % tal-investigazzjonijiet il-ġodda, filwaqt li r-rapporti mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċi u l-aġenziji tal-UE lanqas biss 3 %. L-UPPE fetaħ investigazzjoni waħda ex officio.

L-investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE dwar il-frodi li taffettwa l-RRF jiżvelaw disparitajiet sinifikanti fl-Istati Membri kollha, li jirriflettu varjazzjonijiet fl-allokazzjoni tal-fondi, fil-kapaċitajiet tad-detezzjoni tal-kriminalità, u fil-prevalenza tal-iskemi ta' frodi.

Il-każijiet taħt investigazzjoni jkopru bosta setturi u objettivi, b'konċentrazzjonijiet sinifikanti fit-trasformazzjoni digħiżi u l-ekonomija ekoloġika, segwiti mill-appoġġ għall-kompetittività tal-kumpaniji, l-infrastruttura pubblika u t-trasport pubbliku, l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-formazzjoni, l-edukazzjoni u r-riċerka, it-tagħmir tas-saħħha u mediku u l-amministrazzjoni pubblika.

Il-modus operandi prevalent iż-żebi fil-frodi tal-RRF jibqqa' s-sottomissjoni ta' informazzjoni falza, mhux kompleta jew qarrieqa biex jinkisbu fondi illegalment. Il-falsifikazzjoni u l-manipulazzjoni ta' fatturi u kuntratti kienu tattiċi komuni, li spiss ikunu akkumpanjati mis-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz sabiex jinħbw il-kriterji ta' skwalifika. It-tixxim imwettaq minn uffiċjali pubbliċi u l-immanuvr tal-offerti kienu strumentali biex jiġi żgurat l-ġħoti ta' kuntratti bi prezziżiet esaġerati lil kumpaniji speċifiċi.

Il-prattiki fradulenti ppermettew ukoll lill-frodaturi biex jisfruttaw l-iż-żorr bil-quddiem.

F'xi każijiet, il-persuni suspettati ħolqu kumpaniji jew ħadu f'idejhom dawk inattivi, sabiex japplikaw b'mod fradulenti għall-fondi tal-RRF. Il-kumpaniji ma kellhomx uffiċċi u ma kinux issottomettew id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa meħtieġa, xi wħud minnhom għal aktar minn 20 sena. Madankollu, il-persuni suspettati ħolqu, bl-ġħajnejna ta' kontabilista, traċċa stampata li turi dħul f'miljuni, li ppermettiet is-sottomissjoni ta' serje ta' talbiet għal finanzjament.

F'ħafna mill-każijiet, il-finanzjament ġie ddevvat immedjatament mill-kontijiet bankarji tal-kumpaniji, permezz ta' ġbid sistematiku ta' flus mill-ATMs, jew trasferimenti bankarji lill-kontijiet ta' individwi jew kumpaniji oħra. Il-persuni suspettati ħolqu "karusell" ta' "kumpaniji fittizji" biex jipproduċu miljuni ta' dħul illeċitu.

Xi wħud mill-investigazzjonijiet żvelaw il-parteċipazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' grad għoli, suspettati b'imġiba illegali favur beneficijari privati, jew f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, f'każijiet li fihom isehħi ir-reat tal-abbuż ta' awtorità jew setgħa uffiċjali. Il-korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għoljin hija investigata wkoll mill-UPPE, bħala reat strumentali għall-ġħoti ta' kuntratti u proġetti lil suġġetti speċifiċi, kemm fi frodi relatata mal-akkwist kif ukoll fi frodi mhux relatata mal-akkwist.

L-involviment fil-kriminalità organizzata huwa apparenti kull darba li l-iskema fradulenti tiġi stabilita fuq skala kbira u tiżgura profit illeċitu ta' valur għoli. F'dawn il-każijiet, il-gruppi kriminali jikkordinaw bosta kumpaniji żgħar taħt skema ta' frodi multiterritorjali li tinvolti entitajiet fittizji, faċilitaturi professjonal, u strateġiji ta' ġas-sħarr tal-destinazzjoni finali f'pajjiżi terzi, inklużi rifuġji offshore.

IRKUPRU TAR-RIKAVATI MINN ATTIVITÀ KRIMINALI

Fl-2024, I-awtoritajiet kompetenti taw ordnijiet

ta' ffriżar ta' EUR 2.42 biljun f'każijiet tal-UPPE.

Dan jikkorrispondi għall-valur tad-danni rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti, li potenzjalment għandhom jiġu rkuprati mill-konvenuti, abbażi tal-elementi skoperti fl-investigazzjonijiet tal-UPPE.

Matul is-sena, I-UPPE **ffriżza assi għal valur ta' EUR 849 miljun. Dan jikkorrispondi għal assi eżistenti ffriżati, fid-dawl ta' konfiska potenzjali wara sentenza finali.**

L-ogħla sekwestru uniku kien aktar minn EUR 530 miljun fi strumenti monetarji.

F'45 każ intalbet konfiska estiża, sabiex jitrażżu l-assi li għalihom is-suspettati kienu adottaw xi miżuri protettivi biex jevitaw il-konfiska. L-UPPE għamel użu estensiv ta' konfiska bbażata fuq il-valur biex jippermetti l-irkupru. F'ħames każijiet ordna s-sekwestru tal-mezzi strumentali ta' reati jew tal-valur ekwivalenti tagħhom. L-UPPE għamel ukoll bosta talbiet ta' konfiska (5) bl-intenzjoni li jiżgura l-pagament ta' penali monetarja possibbi.

L-assi ewlenin li ġew sekwestrati kienu kontijiet bankarji, segwiti minn proprietà immobbbli, flus kontanti, vetturi, proprietà mobbli oħra, kif ukoll ishma, kriptovaluti, prodotti finanzjarji, pitturi u oġġetti ta' lussu. Merkanċija kriminali – bħal kojls tal-azzar, prodotti tessili jew komponenti ta' roti elettriċi – ġew sekwestrati u tneħħew mis-suq, b'hekk il-kriminali ġew



imċaħħda b'mod effettiv mill-benefiċċju tal-attivitajiet illeċċi tagħhom.

Sabiex il-Kummissjoni Ewropea tkun tista'ssegwi l-proċedimenti ġudizzjarji li ngħataw bidu mill-UPPE, fid-dawl tal-irkupru għall-baġit tal-UE, I-UPPE nnotifika atti ta' akkużi u proċeduri ta' prosekkuzzjoni simplifikati li jammontaw għal **EUR 154 miljun ta' dannu stmat fir-rigward ta' frodi relatata ma' nefqa.**





L-ATTIVITÀ
TAL-KULLEGħ





L-ATTIVITÀ TAL-KULLEGħ



Il-Kulleġġ tal-UPPE huwa responsabbi għas-sorveljanza ġenerali tal-attivitajiet tal-UPPE, għat-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet strateġiċi, u għal kwistjonijiet ġenerali li jirriżultaw minn każijiet individwali – l-aktar biex jiġu żgurati l-koerenza, l-effiċċenza u l-konsistenza fil-politika tal-UPPE dwar il-prosekuzzjoni fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

Matul I-2024, il-Kulleġġ iltaqa’ 20 darba u adotta 70 deċiżjoni⁶⁰.

F’dan il-perjodu, qabel dwar l-arranġamenti ta’ ħidma dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Kontra I-Korruzzjoni tas-Seychelles⁶¹ u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Prinċipat ta’ Andorra⁶². Ikkonkluda wkoll Memoranda ta’ Qbil mal-Viċi Presidenza għall-Integrità tal-Bank Dinji⁶³ u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Prosekuturi Pubblici⁶⁴.

Qabel ukoll dwar l-arranġamenti ta’ ħidma li jistabbilixxu l-metodi ta’ kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew⁶⁵, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)⁶⁶ u rreveda l-annessi tal-ftehim mal-Kummissjoni Ewropa⁶⁷.

Ibbażat fuq l-esperjenza operazzjonal, il-Kulleġġ irrieżamina u emenda ċerti deċiżjonijiet li kien ħa qabel: Linji Gwida dwar proċeduri simplifikati⁶⁸; Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar I-UPPE relatati ma’ investigazzjonijiet transfruntiera⁶⁹; Regoli ta’ proċedura interni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew⁷⁰; u Deċiżjoni dwar il-Funzjonijiet u l-Proċeduri tal-Awli Permanentni⁷¹.

Il-Kulleġġ emenda wkoll ir-regoli dwar Persunal ieħor imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, iżda mhux impjegat minnu (NEDPA)⁷², u stabbilixxa allowance għall-akkomodazzjoni għal-ċerti kategoriji ta’ persunal li jgħix fil-Lussemburgu⁷³.

Adotta r-Regoli ta’ Sigurtà applikabbli għas-Sistemi ta’ Komunikazzjoni u Informazzjoni Diġitali tal-UPPE⁷⁴, u l-istrateġija ta’ Sigurtà 2024-2028⁷⁵.

Bħala awtorità tal-ħatra, il-Kulleġġ għażel membri tal-Kumitat tal-Etika għall-membri propriji tiegħi u l-Prosekuturi Delegati Ewropej⁷⁶; membri tal-Bord tad-Dixxiplina għall-Prosekuturi Delegati Ewropej⁷⁷; membru tal-Kumitat ta’ Evalwazzjoni għall-Prosekuturi Delegati Ewropej⁷⁸; id-Direttur Amministrattiv ad interim⁷⁹; u Prosekutur Ewropew interim għall-Estonja⁸⁰.

Il-Kulleġġ ivvota wkoll għall-ħatra mill-ġdid tal-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data⁸¹ u emenda s-sħubja tal-Bord ta’ Tmexxija Diġitali tal-UPPE⁸².

Ħatar Prosekuturi Delegati Ewropej fl-Awstrija, fl-Belġju, fl-Bulgarija, fi Franzia, fl-Ġermanja, fl-Greċċja, fl-Italja, fin-Netherlands, fl-Polonja u fl-Iż-vezja⁸³.

Adotta wkoll id-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni tal-UPPE 2024-2026⁸⁴, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2023⁸⁵, ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2023 tal-UPPE⁸⁶, id-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni għall-perjodu 2025-2027⁸⁷, il-baġit 2025⁸⁸ u d-deċiżjoni ta’ finanzjament korrispondenti għas-sena 2025⁸⁹. Matul I-2024, il-Kulleġġ ħa għadd ta’ deċiżjonijiet emendantorji relatati mal-baġit u d-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni⁹⁰.



L-ATTIVITÀ
TAL-AWLI
PERMANENTI

4

L-ATTIVITÀ TAL-AWLI PERMANENTI

L-Awli Permanenti jimmonitoraw u jidderieġu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet imwettqa mill-Prosekuturi Delegati Ewropej, jiġuraw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntiera u, billi jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati mill-Kulleġġ, jiġuraw il-koerenza, l-effiċjenza u l-konsistenza fl-Istati Membri parteċipanti fir-rigward tal-politika tal-UPPE dwar il-prosekuzzjoni.

Il-każijiet jiġu allokati b'mod każwali lill-Awli Permanenti immedjatament wara r-reġistrazzjoni. Kull waħda mill-15-il Awla Permanenti tikkonsisti minn president u żewġ Prosekuturi Ewropej, li huma l-membri permanenti tagħha.

Barra minn hekk, il-Prosekutur Ewropew li jissorvelja investigazzjoni jew prosekuzzjoni f'każ individwali jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Awla Permanenti f'dak il-każ individwali.

Kull Awla Permanenti tiddependi minn appoġġ legali u amministrattiv, sabiex tiżgura l-monitoraġġ xieraq u bir-reqqa ta' kull waħda mill-investigazzjonijiet.

Fl-2024, l-Awli Permanenti kellhom 491 laqgħa.

GĦADD U TIP TA' DEĊIJONIJIET TAL-AWLI PERMANENTI

REĠISTRAZZJONI U VERIFIKA

Deċiżjonijiet li jagħtu struzzjonijiet lill-EDP biex jeżerċita l-kompetenza tal-UPPE	Każijiet ta' evokazzjoni	22
Deċiżjonijiet biex investigazzjoni tinfetaħ mill-ġdid	Każijiet ta' bidu	45
		2

INVESTIGAZZJONIJIET

Struzzjonijiet lill-Prosekuturi Delegati Ewropej	49	
Deċiżjonijiet dwar ir-rieżami ta' miżuri ta' għajjnuna	1	
Deċiżjonijiet biex jingħaqdu l-każijiet li jikkonċernaw il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed	10	
Deċiżjonijiet biex jinqasmu l-każijiet li jikkonċernaw il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed	2	
Deċiżjonijiet biex issir riallokazzjoni lil EDP ieħor	Fl-istess Stat Membru	4
Talbiet approvati għal miżuri ta' investigazzjoni li jiswew ammont eċċeżzjonalment għoli ta' flus	Fi Stat Membru ieħor	11
		3

KONKLUŻJONI TAL-KAŻIJET

GĦADD TA' DEĊIŻONIJIET TA' TERMINAZZJONI


Deċiżonijiet biex it-tħarrik isir quddiem qorti nazzjonali	221 ⁹¹
Deċiżonijiet biex tiġi applikata proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni	80 ⁹²
Deċiżonijiet biex każ jiġi miċħud	356 ⁹³
Skont I-Artikolu 34(1) tar-Regolament dwar I-UPPE ⁹⁴	82 ⁹⁵
Deċiżonijiet biex każ jiġi riferut	18 ⁹⁷
Skont I-Artikolu 34(2) tar-Regolament dwar I-UPPE ⁹⁶	171
Għadd ta' każijiet fejn l-awtorità nazzjonali ma aċċettatx il-każ (I-Artikolu 34 (5) tar-Regolament dwar I-UPPE)	1

PROĊEDIMENTI TAL-QORTI

Deċiżonijiet biex jiġi ppreżentat jew jinżamm l-appell	6
Deċiżonijiet biex ma jiġix ippreżentat appell	48
Deċiżonijiet biex jiġi rtirat l-appell	1

KWISTJONIJIET ORGANIZZAZZJONALI

Deċiżonijiet fuq it-talba tal-Prosekuratur(i) Ewropew/Ewropej li jmexxi/jmexxu l-investigazzjoni personalment	1
Deċiżonijiet li issir riallokazzjoni lil EDP ieħor fl-istess Stat Membru f'każ ta' kunflitt ta' interess	2
Għadd ta' każijiet riallokati għal Awla Permanenti oħra	94





L-ATTIVITÀ
TAL-PROSEKUTURI
DELEGATI
EUROPEJ






L-ATTIVITÀ TAL-PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ

Il-Prosekuturi Delegati Ewropej jiffurmaw I-ewwel linja tal-UPPE, u jaħdmu fuq il-livell deċentralizzat f'24 Stat Membru differenti tal-UE. Hija r-responsabbiltà ewlenija tagħhom li jinvestigaw, iħarrku u jressqu quddiem il-qorti reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE – dan jinkludi t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ħin u legalment korretti, l-issodisfar tal-obbligu ta' rappurtar lill-Awli Permanenti u kooperazzjoni ma' Prosekuturi Delegati Ewropej oħra f'każijiet transfruntiera. Barra minn hekk, huma responsabbi għall-istabbiliment ta' kuntatti u kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, mal-aġenziji ta' kontroll u ma'sħab rilevanti oħra, u għall-promozzjoni u l-introduzzjoni tax-xogħol tal-UPPE fil-livell nazzjonali.

Fl-2024, l-uffiċċi tal-Prosekuturi Delegati Ewropej kien jinsabu f'44 belt fi 22 Stat Membru. Bħala regola, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ġuriżdizzjoni fit-territorju kollu tal-Istat Membru rispettiv tagħhom. Għalkemm iwettqu investigazzjonijiet skont ir-regoli nazzjonali tal-proċedura kriminali, huma joperaw b'indipendenza sħiħa mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

Mill-31 ta' Diċembru 2024, l-UPPE kien **ħatar 166 Prosekutur Delegat Ewropew.** F'Diċembru 2024, inħatru 10 Prosekuturi Delegati Ewropej mill-İż-żejt u l-Polonja, li madankollu bdew l-attivitajiet operazzjonali f'Jannar 2025.



L-ASSOċJAZZJONI TAL-PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ

L-Assoċjazzjoni tal-Prosekuturi Delegati Ewropej (EDPA) għandha 123 membru. Matul l-2024, organizzat laqgħat regolari mal-Kap Prosekutur Ewropew, u laqgħa waħda mal-Kolleġġ tal-UPPE.

Bħala rappreżentant tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, l-EDPA ġiet mistiedna mill-UPPE biex tipprovd l-opinjoni tagħha dwar diversi dokumenti relatati mal-attività tal-UPPE, inklużi dawk ta' natura operazzjonali.

Barra minn hekk, l-EDPA serrħet mhux biss fuq il-Bord tagħha iżda wkoll fuq il-kollaborazzjoni tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, kemm permezz tal-Kummissjonijiet Permanenti kif ukoll permezz tal-istabbiliment ta' gruppji ta' ħidma *ad hoc*.



166

Għadd ta'
Prosekuturi Delegati Ewropej maħtura

TAĦRIĠ U SESSJONIJIET TA' ĦIDMA

Fl-2024, I-UPPE kompla bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ l-iżvilupp professionali u l-ispirtu ta' appartenenza tal-Prosekturi Delegati Ewropej li jaħdnu fi 22 Stat Membru differenti.

Ġew organizzati tliet sessjonijiet ta' ħidma fl-Uffiċċju Ċentrali dwar is-suġġetti li ġejjin:

Strateġiji u tekniki ġodda għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-Frodi MTIC – il-perspettiva tal-Ufficijal ta' Kollegament Nazzjonali tal-EUROFISC;

Investigazzjonijiet li jinvolvu l-finanzjament tal-UE, b'fokus fuq il-kompetenza tal-UPPE fuq NextGenEU u l-fondi agrikoli;

Infiltrazzjoni ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fl-ekonomija regolari u l-involviment tagħhom f'reati finanzjarji.



Is-sessjonijiet ta' ħidma kollha ffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni f'każijiet transfruntiera, abbażi tal-mekkaniżmu kumpless tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar I-UPPE.

Minbarra s-sessjonijiet ta' ħidma, ġew organizzati, iż-koordinati u mogħtija 14-il kors ta' taħriġ professjonal mill-konsorzu tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (ERA-EJTN), li inkludew is-suġġetti li ġejjin:

il-qafas legali tal-UE rilevanti għall-mandat tal-UPPE;

il-kontroll tal-isfidi tekniċi fl-investigazzjonijiet;

il-ġbir ta' evidenza elettronika;

l-investigazzjonijiet finanzjarji;

ir-reati PIF;

it-terminoloġija legali bl-Ingliz;

il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet transfruntiera.



OPERAZZJONI JET





OPERAZZJONIJET

L-unità tal-Operazzjonijiet tiprovd firxa ta' servizzi legali, investigattivi u amministrativi li jsostnu l-attività operazzjonali tal-UPPE. Din tappoġġa l-flussi tax-xogħol operazzjonali tal-organizzjoni u tiprovd għarfien espert ta' livell għoli, filwaqt li tingrana l-pożizzjoni speċifika tagħha biex tiprovd valur miżjud fl-investigazzjonijiet.

L-unità hija magħmula minn erba' setturi:

L-oqsma ta' attivită ewlenin tal-unità huma dawn li ġejjin: appoġġ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet operazzjonali; ipproċessar ta' informazzjoni li jikkonċernaw reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UPPE; għoti ta' għarfien espert investigattiv għal każijiet li għadhom għaddejjin; u żvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-aktivită operazzjonali.

Reġistru u Partijiet Ikkonċernati Operazzjonali

Appoġġ Legali Operazzjonali

Appoġġ għall-Investigazzjonijiet u għall-Analiżi

Servizzi ta' Appoġġ Operazzjonali



REĠISTRU U PARTIJIET IKKONĊERNATI OPERAZZJONALI

Is-settur tar-Reġistrū u tal-Partijiet Ikkonċernati Operazzjonali huwa responsabbi għall-ipproċessar tal-informazzjoni kollha rrappurtata lill-UPPE skont l-Artikolu 24 tar-Regolament u għall-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-livell operazzjonali sabiex l-UPPE jkun jista' jikkoper a mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-partijiet privati, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri mhux parteċipanti, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Fl-2024, ipproċessa **1 760 rapport dwar il-kriminalità mill-awtoritajiet nazzjonali u 113-il rapport dwar il-kriminalità minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE (IBOA)**. Is-sorsi tar-rapporti jinkludu l-Istati Membri parteċipanti kollha u 10 istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji⁹⁹.

L-Uffiċċju Ċentrali pproċessa wkoll **4 580 rapport** minn partijiet privati, filwaqt li total ta' **43 rapport** ġew sottomessi lill-**uffiċċji deċentralizzati** fl-Istati Membri. Ir-rappurtar ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jsir permezz ta' konnessjoni diretta u sigura – **EPPOBox** – li hija ġestita mill-UPPE, filwaqt li l-partijiet privati għandhom aċċess għal għoddha ta' rappurtar fuq is-sit web tal-UPPE. L-UPPE huwa wkoll utent tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), li hija ġestita mill-Europol.

Il-proġett pilota mniedi fl-2023, li ta aċċess għal xi wħud mill-ġħodod digżitali tal-UPPE lill-Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (NEDPA), ġie estiż fl-2024. Din l-espansjoni saħħet l-iskambju ta' informazzjoni u tejjbet il-kwalità tad-data fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-UPPE, li minnha jibbenefikaw total ta' 97 Assistant tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej.

APPOĠġ LEGALI OPERAZZJONALI

Is-settur tal-Appoġġ Legali Operazzjonali huwa responsabbi għall-għoti ta' appoġġ legali operazzjonali lill-Uffiċċju Ċentrali – jiġifieri lill-Kap Prosekuratur Ewropew, l-Awli Permanenti, u l-Prosekuturi Ewropej.

Fl-2024, dan is-settur appoġġa lill-Awli Permanenti fil-monitoraġġ u fit-tmexxja ta' **2678 investigazzjoni attiva u organizza 491 laqgħa tal-Awli Permanenti**.

Tim dedikat ta' esperti tas-sistemi legali nazzjonali pprovda appoġġ immirrat lill-Prosekuturi Ewropej, aġixxa bħala punt ta' kuntatt għall-Prosekuturi Delegati Ewropej u pprovda pariri legali dwar kwistjonijiet relatati mal-liġi nazzjonali.

Dan is-settur ikkontribwixxa wkoll għall-**iskambju ta' informazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE**, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri xierqa. Barra minn hekk, dan is-settur ipprova servizzi legali u operazzjonali ewlenin, inkluża t-tmexxja

tal-bażi ta' data tal-ġurisprudenza tal-UPPE, iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni regolari dwar żviluppi ġodda fil-ġurisprudenza u l-letteratura legali, kif ukoll il-ġestjoni ta' bażiġiet ta' data tar-riċerka legali.





Is-settur ta' Appoġġ għall-Investigazzjonijiet u għall-Analiżi jipprovdi appoġġ investigattiv u analitiku espert għall-investigazzjoni, permezz ta' analisti tal-każiżiet u investigaturi finanzjarji li joperaw bħala Uffiċjali ta' Appoġġ għall-Każiżiet, fi struttura li tikkorrispondi għat-tipi l-aktar prevalenti ta' frodi.



Is-settur huwa magħmul minn tliet timijiet speċjalizzati ddedikati (frodi tal-VAT, frodi doganali, u frodi relatata ma' nefqa u korruzzjoni), kif ukoll ir-raba' tim iffokat fuq reati u suġġetti orizzontali ewlenin (ħasil tal-flus, kriminalità organizzata u rkupru tal-assi), struttura li tippermetti biex isaħħa b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet tiegħu u jirfini l-appoġġ tiegħu, b'mod partikolari rigward każiżiet fejn jista' jinkiseb valur miżjud sinifikanti permezz tal-aktivitajiet ta' appoġġ imwettqa fil-livell tal-Uffiċju Ċentrali.

B'mod partikolari, dawn l-isforzi kkontribwew biex jiġu żviluppati aktar il-metodoloġiji innovattivi għad-deteżżjoni ta' rabbit bejn l-investigazzjoni imwettqa fi Stati Membri differenti, u b'hekk għenu biex jiġu kkoordinati diversi atturi operazzjonali involuti, u fl-aħħar mill-aħħar, biex jiġu investigati l-każiżiet b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, dan is-settur kompla jiddokumenta l-aħjar prattiki għal approċċi investigattivi fir-rigward ta' kull qasam rilevanti ta' reati, u jidentifika mudelli u xejriet rilevanti.

SERVIZZI TA' APPOĠġ OPERAZZJONALI



Is-settur tas-Servizzi ta' Appoġġ Operazzjonali huwa responsabbi mill-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE, u jipparteċipa fil-proġetti kollha li għandhom l-għan li jiżviluppaw l-għodod u l-ambjenti investigattivi digħiżi meħtieġa biex tissaħħa bħha l-effettività tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjonijiet tiegħu.

Dan is-settur jiġġestixxi s-servizzi lingwistiċi spċifici għax-xogħol ta' uffiċċju tal-prosekuzzjoni tranżnazzjonali u jikkordina l-organizzazzjoni ta' laqgħat operazzjonali u ta' sensibilizzazzjoni. Jorganizza wkoll taħbiġ ta' induzzjoni u programmi ta' taħbiġ għall-persunal operazzjonali l-ġdid, u l-investigaturi nazzjonali permezz tal-programm ta' taħbiġ tal-Akkademja tal-UPPE¹⁰⁰.

Matul l-2024, is-settur tas-Servizzi ta' Appoġġ Operazzjonali appoġġa madwar mitt avveniment, laqgħa u sessjoni ta' ħidma, inklużi s-sessjonijiet ta' ħidma tal-Prosekturi Delegati Ewropej.



It-Tim tal-Operazzjonijiet Diġitali ta bidu għall-programm tan-Network Operazzjonali għall-Infrastrutture Diġitali (ODIN), li għandu l-għan li jiżviluppa għodod digħiżli li jżidu l-kapaċitajiet analitiċi tal-investigaturi tagħna. Dan it-tim huwa involut fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna, b'fokus fuq inizjattivi relatati mal-użu ta' teknoloġiji innovattivi, b'mod partikolari l-intelliġenza artifiċjali u l-analiżi u l-viżwalizzazzjoni tal-big data.

IPPROĊESSAR TA' INFORMAZZJONI RRAPPURTATA

◀ AWTORITAJIET NAZZJONALI U ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI

Fl-2024, l-UPPE pproċessa **1 760 rapport dwar il-kriminalità minn awtoritajiet nazzjonali u 113-il rapport dwar il-kriminalità minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenzi.**

Ir-rappurtar ta' informazzjoni jsir permezz ta' **EPPOBox**, u **SIENA**, għal komunikazzjoni sigura mal-Europol.

L-UPPE kompla jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-iżvilupp tan-network ta' rappurtar u fil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 117 tar-Regolament dwar l-UPPE. Sa tmiem

l-2024, in-network ta' rappurtar tal-UPPE kien estenda għal **699 utent tal-EPPOBox** – li huwa 67 aktar mis-sena l-oħra. Dan jinkludi 15 mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri konnessi direttament mal-Uffiċċju Ċentrali fil-Lussemburgo. Issa teżisti konnessjoni diretta mas-sħab ewlenin tal-UPPE fil-livell tal-UE mal-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Audituri, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Frontex, il-Eurofisc, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA) u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA).

◀ PARTIJIET PRIVATI U ENTITAJIET LEGALI

Fl-2024, l-UPPE rċieva total ta' **4 623 rapport** minn individwi privati u entitajiet ġuridiċi. Minn dawn ir-rapporti, **4 580** ġew sottomessi lill-Uffiċċju Ċentrali, filwaqt li **43** ġew riċevuti minn Prosekturi Delegati Ewropej f'uffiċċji deċentralizzati.

Fost ir-rapporti minn partijiet privati, **871** tqiesu rilevanti għall-ġuriżdizzjoni tal-UPPE u ġew irreġistrati fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS) għall-verifika. Dan it-total jinkludi **258** każid li ġew irreġistrati u **154** sottomissjoni addizzjonalni relatati ma' każijiet ta' verifika jew ta'investigazzjoni eżistenti.

Barra minn hekk, **4 212-il rapport li kienu b'mod ċar barra mill-ġuriżdizzjoni tal-UPPE ġew irreġistrati fl-applikazzjoni PP Dossier (fajls tal-partijiet privati);** dawn jew ġew riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, riferuti lill-OLAF, jew miċħuda.

Il-pajjiżi bl-ogħla għadd ta' rapporti minn partijiet privati kienu **l-Ġermanja (719)**, **il-Kroazja (458)**, **il-Polonja (291)**, **il-Greċċa (250)**, **il-Bulgarja (238)**, **ir-Rumanija (196)** u **Spanja (179)**.





SERVIZZI DIĠITALI,
TAS-SIGURTÀ U
KORPORATTIVI




Z SERVIZZI DIĠITALI, TA' SIGURTÀ U KORPORATTIVI

SERVIZZI DIĠITALI

L-unità tas-Servizzi Diġitali tal-UPPE komplet timplimenta ż-żewġ programmi maġġuri tagħha: il-**Programm ta' Awtonomija tal-IT**, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti servizzi tal-IT amministrattivi ġestiti internament, u l-**Programm tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS)**.

Programm ta' Awtonomija tal-IT: It-tħejjija għall-kisba tal-awtonomija mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tas-Servizzi Diġitali fuq il-Post tax-Xogħol

L-UPPE aċċellera l-progress lejn l-awtonomija tal-IT sal-massimu possibbli, bir-riżorsi limitati ħafna tiegħi, sabiex ikollu fis-seħħi mill-ingas is-soluzzjonijiet tekniċi bażiċi li huma proprjetà tal-UPPE għal tranżizzjoni mill-post tax-xogħol diġitali pprovdut mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni Ewropea.





Il-Programm CMS

L-ekosistema tal-Programm CMS toffri s-soluzzjonijiet ewlenin tal-operat għall-organizzazzjoni, li jippermettu implementazzjoni konformi u effiċċenti tal-proċessi ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-każijiet. Minħabba r-riżorsi limitati ħafna, il-Programm CMS iffoka l-aktivitajiet tiegħi din is-sena fuq ftit evoluzzjonijiet biss tas-sistemi diġitali eżistenti u l-ottimizzazzjonijiet tal-proċessi tan-negozju, filwaqt li pprovda aċċess addizzjonal iġ-ħalli-għodod diġitali fl-uffiċċċi nazzjonali u tejjeb l-esperjenza, il-prestazzjoni u s-sigurtà tal-utent.

SIGURTÀ

Fl-2024, l-UPPE saħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet ta' sigurtà tiegħu billi stabbilixxa formalment unità ta' Sigurtà ddedikata bbażata fuq tliet pilastri: **is-sigurtà fīžika, is-sigurtà tal-informazzjoni (iċ-ċibersigurtà), u l-counter-intelligence.** Ġiet adottata strateġija komprensiva ta' sigurtà u bdiet tiġi implementata.



Fl-2024, saru għadd ta' sessjonijiet ta' induzzjoni u sensibilizzazzjoni fl-oqsma kollha tas-sigurtà, bil-ġħan li tissaħħaħ il-maturità tas-sigurtà organizzazzjonal billi titrawwem kultura ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni proattiva.

SERVIZZI KORPORATTIVI

Is-servizzi Korporattivi, inklużi t-timijiet responsabbi mill-Faċilitajiet u mill-Assistenza tal-IT, saru settur ġdid fi ħdan id-Direttorat Amministrattiv.

It-tim tal-Assistenza tal-IT baqa' bħala punt ċentrali ta' kuntatt għat-talbiet kollha relatati mal-IT u mhux mal-IT, u pprovda appoġġ lill-utenti kollha tal-UPPE. Sadanittant, it-tim tal-Faċilitajiet wettaq servizzi relatati mal-ġestjoni tal-bini, il-ħtiġijiet tal-uffiċċji, il-posta, it-tindif u s-servizzi tal-catering matul is-sena. Iż-żewġ timijiet ippermettew b'mod effettiv li l-UPPE jkun jista' jwettaq l-attivitajiet operazzjonali tiegħu u jissodisfa l-mandat tiegħu.

Minbarra l-attivitajiet ta' kuljum, fl-2024 is-Servizzi Korporattivi wettqu bosta proġetti, b'mod partikolari:



Twettqu **xogħlijiet ta' rinnovazzjoni parzjali** fl-Anness tal-bini, u fl-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE tħejjew uffiċċji ġodda għal żewġ Prosekturi Ewropej ġodda mill-iżvezja u l-Polonja.




Kwantità kbira ta' **għamara tal-uffiċċju** reċenti ġiet ittrasferita lill-UPPE mill-Kummissjoni Ewropea, li ma kienx għad kellha ħtieġa għaliha minħabba t-tnejx tal-portafoll tal-bini tagħhom. Dan it-trasferiment irriżulta f'ifrankar sostanzjali tal-kostijiet u kien konformi ma' approċċ ambjentalment responsabbi.

B'segwitu għad-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika (OIL) li jtemm il-ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-UPPE għal diversi servizzi ta' faċilitajiet mill-1 ta' Jannar 2025, l-UPPE kellu jsib kanali ġodda ta' akkwist biex jissostitwixxi s-servizzi tal-OIL u biex jikseb kapaċità kontraenti diretta.



RIŻORSI UMANI
UŽVILUPP
TAL-PERSUNAL





RIŻORSI UMANI U ŻVILUPP TAL-PERSUNAL

L-UPPE kiseb **awtonomija u responsabbiltà akbar fid-dmirijiet tar-riżorsi umani**, li huwa rifless f'kontroll imsaħħa fuq il-kompli proċedurali (reklutaġġ, onboarding, tluu, dikjarazzjonijiet, drittijiet, monitoraġġ tal-metriċi u politiki), formalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-persunal, u robustezza mtejba, b'mod partikolari fil-pagi.

Matul l-2024, l-unità tar-Riżorsi Umani organizzat l-ewwel sett ta'sessjonijiet dwar id-**drittijiet tal-pensjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju**, b'mod aktar preċiż dwar l-**istabbiliment tal-ewwel network tal-UPPE ta' konsulenti kunfidenzjali**.

Barra minn hekk, il-proġett pilota ta' traineeship imwettaq fl-2023 wassal ġħat-tnejda b'suċċess fl-2024 tal-ewwel **programm ta' traineeship tal-UPPE**, li kien jinvolvi total ta' tmien trainees. L-**ewwel viżitaturi tal-istudju** ġew ammessi wkoll, kemm fil-livell tal-Uffiċċju Ċentrali kif ukoll f'dak deċentralizzat.

Minbarra li pprovdiet appoġġ kostanti lill-uffiċċji deċentralizzati, l-unità tar-riżorsi umani allokat ukoll sforzi għat-thejjja biex tingħata **merħba lill-Istati Membri parteċipanti l-ġodda, lill-Polonja u lill-Iżveja**, flimkien mat-talbiet kollha assoċjati mar-riżorsi umani.

L-unità tar-Riżorsi Umani ssorveljat l-amministrazzjoni ta' **50 proċedura ta' selezzjoni**, u l-onboarding ta' **47 membru ġdid tal-persunal, 6 Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE), u 6 trainees**. Barra minn hekk, **15-il membru ġdid tal-persunal u SNE wieħed** ingħataw garanzija għall-onboarding fl-2025.

Il-proċess biex jiġu stabbilit l-**objettivi u l-evalwazzjonijiet**, li kien jinkludi 105 membri tal-persunal, kif ukoll il-valutazzjoni ta' **43 perjodu ta' prova**, ġie kkompletat b'mod effiċċenti. Barra minn hekk, għiet konkluża l-**proċedura ta' riklassifikazzjoni** għal **47 membru tal-persunal**. Ir-rata ta' okkupanza kumplessiva kienet ta' **95 %**, b'rata tad-dawran ta' **1.7 %** għall-aġġenti temporanji u kuntrattwali.



Fl-2024, it-**taħriġ** tal-persunal tal-UPPE kompla f'oqsma bħas-**sikurezza, is-sigurtà, il-kodiċi ta' etika tal-UPPE, il-protezzjoni tad-data, u ċ-ċibersigurtà**. Programm ewlieni kien it-taħriġ dwar l-**għoddha ta' ġestjoni ta' dokumenti korporattivi**, offrutt lill-persunal kollu. Ingħatat priorità f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni interna permezz tal-kondiżjoni regolari ta' informazzjoni rilevanti fuq l-intranet tal-UPPE, li tħalli kontenut għal dawk li jiissieħbu ġodda u riżorsi faċi għall-utent.


Matul is-sena, l-UPPE rreġistra **1 504 espressjoni ta' interess għall-programmi ta' taħriġ**, li minnhom 851 **ġew ikkompletati b'suċċess**. Dan ammonta għal total ta' 13 984 siegħa ta' taħriġ, ekwivalenti għal 1 865 jum ta' taħriġ kemm għall-korsijiet interni kif ukoll għal dawk esterni.

Għal taħriġ estern speċjalizzat fi kwistjonijiet legali u amministrattivi, l-UPPE rreġistra 42 espressjoni ta' interess għal programmi ta' taħriġ, li minnhom 22 għadhom għaddejjin u 17 ġew ikkompletati b'suċċess, li ammontaw għal 992 siegħa ta' taħriġ, ekwivalenti għal 132 jum ta' taħriġ.

PROFESSJONI:


METRIĊI DWAR
L-OKKUPAZZJONI
(UFFIĊJU ĊENTRALI):

Rata ta' okkupanza
abbażi ta' karigi
mimlija



Baġit awtorizzat skont it-Tabella tal-Persunal

Karigi mimlija sal-31/12/2024



KUMITAT TAL-PERSUNAL:

L-2024 kienet it-tieni sena kompleta tal-attivitàajiet tal-Kumitat tal-Persunal.

Matul is-sena, il-Kumitat tal-Persunal segwa l-eżiġi tal-istħarriġ tal-persunal tiegħu tal-2023, issuġġerixxa u rnexxielu jidimplimenta **politika għal kuntratti indefiniti għall-persunal kollu tal-UPPE**, ippropona miżuri ta' **mobbiltà interna**, **politika skolastika** lil hinn minn Brussell u l-Lussemburgu, **skema ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni** (li ġiet aċċettata u mogħtija mill-1 ta' Jannar 2025), u d-**definizzjoni tal-post ta' residenza** fl-isfera tal-UPPE.

Eżerċizzju rikorrenti u importanti għall-persunal huwa r-**riklassifikazzjoni annwali**, li għaliha l-Kumitat tal-Persunal ipprova l-opinjoni tiegħu biex jiżgura l-oġġettività, l-ekwità u t-trasparenza fil-proċedura.



Matul is-sena, il-Kumitat tal-Persunal ipparteċipa f'46 proċedura ta' selezzjoni tal-persunal u ta' preżentazzjonijiet lill-partiċipanti l-ġodda kollha. F'April 2025, se jiġi elett Kumitat tal-Persunal ġidid.

DIVERSITÀ TAL-PERSUNAL

PERSUNAL STATUTORJU SKONT IL-ĠENERU U N-NAZZJONALITÀ
METRIĊI DWAR ID-DIVERSITÀ (31/12/2024)

	Mara	Raġel	Total tal-Persunal	
AT	1	0	1	0.4 %
BE	11	10	21	7.6 %
BG	5	3	8	2.9 %
CY	3	1	4	1.5 %
CZ	2	3	5	1.8 %
DE	4	12	16	5.8 %
EE	2	0	2	0.7 %
EL	15	19	34	12.4 %
ES	5	12	17	6.2 %
FI	0	4	4	1.5 %
FR	8	7	15	5.5 %
HR	4	1	5	1.8 %
HU	5	2	7	2.7 %
IE	0	3	3	1.1 %
IT	10	32	42	15.3 %
LT	3	4	7	2.6 %
LU	0	2	2	0.7 %
LV	2	1	3	1.1 %
MT	1	2	3	1.1 %
NL	2	1	3	1.1 %
PL	5	5	10	3.6 %
PT	3	7	10	3.6 %
RO	15	27	42	15.3 %
SE	0	1	1	0.4 %
SI	3	2	5	1.8 %
SK	2	3	5	1.8 %
	111 40.4 %	164 59.6 %	275 100 %	

RIŻORSI
FINANZJARJI
U L-ČESTJONI
TACHHOM



RIŻORSI FINANZJARJI U L-ĠESTJONI TA' ĦOM

Il-baġit tal-UPPE huwa ffinanzjat kompletament mill-Baġit Ĝeneralu tal-Unjoni Ewropea fil-forma ta'sussidju. Fl-2024, **ġew ibbaġitjati EUR 76.4 miljun** għat-twettiq tal-missjoni tal-UPPE, meta mqabbla ma' EUR 66 miljun fl-2023 (+16%). L-ixprunaturi ewlenin f'din l-evoluzzjoni tal-baġit kien dinamika b'saħħithha fil-kostijiet tal-persunal, minħabba l-progress lejn l-okkupazzjoni kompleta tal-karigi statutorji tal-persunal tal-Uffiċċju Ċentrali u l-inflazzjoni ogħla milli mistenni fis-salarji fl-2024. Fl-2024 ġie skjerat għadd sinifikanti ta' Prosekturi Delegati Ewropej u tkomplew il-konsolidazzjoni u l-iżviluppi ulterjuri tal-ekosistema CMS. Sa tmiem is-sena, **ġew impenjati 98.5 % tal-baġit tal-2024 u tħallu 86.4 %**. It-12 % tal-approprazjonijiet ta' pagamenti tal-2024 ġew trasferiti 'l quddiem għall-2025.



AKKWIST

L-UPPE ffirma **251 formola ta' ordni u kuntratti spċċi** taħt kuntratti oqfsa interistituzzjonali eżistenti, għal ammont totali ta' aktar minn **EUR 13-il miljun**. Fil-bidu ta' Diċembru, l-UPPE kkonkluda b'suċċess proċedura ta' akkwist miftuħa bl-iffirmar ta' kuntratt qafas ta' 4 snin għall-forniment ta' oġġetti tad-ditta.

KONTROLL INTERN

Fid-19 ta' Ġunju 2024, id-Direttur Amministrattiv stabbilixxa l-kriterji ta' valutazzjoni għall-2024 għal kull wieħed mis-17 il-prinċipju ta' kontroll intern deskritti fil-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) tal-UPPE. Dawn il-kriterji ġew definiti b'segwitu għal rieżami mwettaq mill-Uffiċjal ta' Kontroll Intern tal-UPPE, meta tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni kumplessiva tal-ambjent ta' kontroll intern tal-UPPE. Ir-rieżami tal-QKI għall-2024 huwa skedat għal Jannar sal-bidu ta' Frar 2025.

AWDITJAR INTERN

Skont ir-regolamenti finanzjarji tal-UPPE, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) huwa l-awditur intern tal-UPPE għal kwistionijiet mhux operazzjonali. Sabiex jikkomplementa x-xogħol mwettaq mill-IAS, il-Kulleġġ stabbilixxa Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC), imfassla biex tgħin lill-UPPE jilħaq l-objettivi tiegħi permezz ta' approċċ sistematiku u dixxiplinat bil-ġhan li tiġi evalwata u mtejba l-effettività tal-governanza, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċessi ta' kontroll.

F'konformità mal-karta tal-missjoni tiegħi u mal-Pjan Strateġiku tal-Awditjar Intern ibbażat fuq ir-riskju għall-2022-2024, fl-2023 l-IAS ta bidu għal rieżami limitat tal-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni tal-UPPE. Dan l-impenn ġie ffinalizzat b'suċċess, u f'Settembru nħareġ ir-rapport finali. Minħabba r-riżenja ta' Uffiċjal ta' livell għoli tal-Awditjar Intern tal-UPPE fi Frar, l-aktività tal-IAC għiet sospiża sakemm jintgħażel u jiġi reklumat sostitut xieraq minn Settembru. Matul l-aħħar trimestru tal-2024, l-IAC wettqet segwitu tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' ġestjoni relatati ma' rakkmandazzjonijiet tal-awditjar preċedenti, saħħet id-dokumentazzjoni tal-metodoloġija tal-awditjar, u ħejjiet għall-approvazzjoni l-Pjan Strateġiku tal-Awditjar għall-perjodu 2025-2027.

TRASPARENZA
U RELAZZJONI JIET
MAL-PUBBLIKU
ĠENERALI
U L-ISTAMPA

10



TRASPARENZA U RELAZZJONI JIET MAL-PUBBLIKU ĠENERALI U L-ISTAMPA

Fl-2024, l-UPPE rċieva total ta' **42 applikazzjoni inizjali** li ġew irregistriati bħala **talbiet għal aċċess pubbliku**¹⁰². L-UPPE wieġeb għal 41 minnhom, u għal applikazzjoni inizjali waħda li kienet għadha pendentni mill-2023. Għal waħda mit-talbiet li ġew riċevuti fl-2024, it-tweġiba kienet għadha pendentni fi tmiem l-2024. Fl-2024 tressqu erba' applikazzjonijiet konfermatorji. Għal kollha kemm huma, id-deċiżjoni inizjali ta' rifut tal-aċċess ġiet ikkonfermata.

Fit-tweġibet tiegħu, l-UPPE ta aċċess sħiħ wara ħamsa mill-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, f'erba' applikazzjonijiet oħra, l-UPPE ta aċċess parjali biss, biex jipproteġi l-privatezza u l-integrità tal-individwi. Fost dawn l-erbgħa, il-protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-pariri legali, kif ukoll l-iskop tal-investigazzjonijiet, kienet kunsiderazzjoni addizzjonal għal tlieta mill-applikazzjonijiet mogħtija parjalment.



Fl-2024 biss, l-UPPE kkondivida **200 aġġornamenti tal-aħbarijiet** fuq is-sit web korporattiv tiegħu www.eppo.europa.eu, filwaqt li żamm lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati infurmati dwar l-aktivitajiet u l-kisbiet tiegħu.

Bix tkompli tissaħħaħ l-esperjenza tal-utent, saru sforzi sinifikanti matul is-sena biex jiġu ottimizzati l-kontenut u l-aċċessibbiltà tas-sit web. Il-kontenut kollu, li huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE, flimkien ma' infografika aġġornata regolarmen, jipprovdu għarfien ewljeni lil udjenza diversa, inkluż il-pubbliku ġenerali, il-professionisti legali, l-akkademiċi, u rekluti potenzjali.

Fuq il-media soċjali, l-UPPE żamm preżenza li qed tikber fuq LinkedIn, Facebook, u X, li sa tmiem is-sena laħqed kollettivament aktar minn **58 000 segwaċi**. Filwaqt li jirrikonoxxi x-xenarju digiżi li qed jevolvi, l-UPPE kontinwament jimmonitorja u jesplora x-xejriet u l-pjattaformi emerġenti, filwaqt li jiġura li l-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu tibqa' innovattiva u waħda li tħalli impatt.

Taħt ir-regoli tal-UPPE ma seta' jingħata l-ebda aċċess lit-32 każ li kien fadal. F'24 każ, inklużi l-4 każijiet fejn id-deċiżjoni inizjali ġiet ikkonfermata mal-konferma, l-UPPE rrifjuta li jagħti aċċess għal dokumenti abbażi għar-raġuni li d-dritt għall-aċċess skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, u għalhekk ir-regoli applikabbli tal-UPPE, ma jestendux għall-informazzjoni operazzjonali mill-fajls tal-każijiet.


F'żewġ każijiet, l-aċċess ġie rrifjutat biex jiġi protett il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni jiet-tal-UPPE, filwaqt li l-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi kienet kunsiderazzjoni oħra f'wieħed mill-każijiet. F'sitt każijiet, it-talbiet ma ppermettewx lill-UPPE jidentifika kwalunkwe dokument rilevanti miżum mill-UPPE.

www.eppo.europa.eu

Fl-2024, is-sit web tal-UPPE attira **363 000 viżitatur** li juri r-rilevanza dejjem tikber tiegħu bħala ċentru għaż-żasparru u l-informazzjoni. Sal-31 ta' Diċembru 2024, total ta' **506 dokumenti** saru aċċessibbli għall-pubbliku.

Minbarra li joffri informazzjoni, is-sit web jiffaċilita l-involvement permezz ta' formoli ta' kuntatt imfassla apposta, li jippermettu lill-utenti jirrappurtaw reati kriminali, jitkolbu aċċess pubbliku għal dokumenti, jistaqsu dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, jorganizzaw żjarat, jew jikkuntattjaw lit-tim tal-istampa.





A surgeon in blue scrubs is shown from the waist up, focused on a procedure. They are wearing a surgical mask and gloves, and are holding a long, thin surgical instrument. The background is a blurred operating room environment.

L-ATTIVITÀ
TRAS-SERVIZZ
LEGALI



L-ATTIVITÀ TAS-SERVIZZ LEGALI



**Abbażi tar-rwol u l-missjoni tagħha fi ħdan
l-istruttura organizzjonali tal-UPPE, matul
I-2014, l-unità tas-Servizz Legali kompliet tiprovv
pariri legali lill-Kulleġġ, lill-Kap Prosekurur
Ewropew, lill-Prosekuturi Ewropej u lid-Direttur
Amministrattiv dwar l-interpretazzjoni tal-qafas
legali skont id-dritt tal-Unjoni li tirregola
l-attivitàajiet tal-UPPE.**

Matul I-2024, is-Servizz Legali kkontribwixxa għall-abbozzar ta' regoli u linji gwida ġodda adottati mill-Kulleġġ, dwar kwistjonijiet operazzjonali, ta' governanza u amministrattivi. Barra minn hekk, is-Servizz Legali pprovda pariri lill-Kulleġġ, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, fil-forma ta' opinjonijiet.

Is-Servizz Legali kompla jipprovdi wkoll għarfien espert rilevanti għan-negozjar u l-konklużjoni ta' arranġamenti ta' īnidma u ftehimiet ma' awtoritajiet minn pajjiżi terzi, Stati Membri u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji.

Is-Servizz Legali ta parir legali speċifiku dwar kwistjonijiet operazzjonali lill-membri tal-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE, inkluż, iżda mhux limitat għal, dwar l-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UPPE f'investigazzjonijiet speċifiċi, dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn I-UPPE u l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi u Stati Membri mhux parteċipanti, kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar I-UPPE.

Fl-2024, il-membri tas-Servizz Legali aġixxew bħala aġenti f'isem I-UPPE fil-Kawżi C-292/23¹⁰³, C-328/24 P¹⁰⁴

u C-352/24 P¹⁰⁵, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u fil-Kawżi T-676/22¹⁰⁶, T-509/24¹⁰⁷ u T-509/24 R, quddiem il-Qorti Ġeneral tal-UE. F'dawn il-każijiet kollha, il-membri rispettivi tas-Servizz Legali elaboraw u ssottomettw dokumenti proċedurali f'konformità mar-regoli ta' proċedura applikabbi (eż-osservazzjonijiet bil-miktub, sottomissionijiet ta' difiża, eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà), u ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiddefendu l-interessi tal-UPPE. Barra minn hekk, il-membri tas-Servizz Legali għamlu trattazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, rispettivament, fis-seduti orali li saru fil-Kawżi C-292/23 u T-676/22.

Fl-2024, is-Servizz Legali kompla javvana u jamministra bosta għodod u bażijiet ta' data fuq l-intranet tal-UPPE, bil-għan li jappoġġa l-attivitàajiet tal-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE. Dawn jinkludu l-“Librerija” u l-bażi ta' data tal-“Monitoraġġ tal-ġurisprudenza” - f'kooperazzjoni mal-Unità tal-Operazzjonijiet u ċentru bi gwida prattika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn I-UPPE, u l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi u Stati Membri mhux parteċipanti.

Is-Servizz Legali ta preżentazzjonijiet dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mal-funzjonament u l-qafas legali tal-UPPE, immirati lejn il-Prosekuturi Delegati Ewropej, il-personal tal-UPPE, kif ukoll partijiet ikkonċernati esterni li jinkludu membri tal-akademja, awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji, trainees, eċċ.



PROTEZIONI TAD-DATA

10

Il-volum ta' *data* personali operazzjonali pproċessata mill-UPPE qed ikompli jiżdied b'mod sinifikanti, f'konformità maż-żieda kumplessiva tal-volum tal-każijiet tal-UPPE, il-kumplessità u d-daqs dejjem akbar tal-każijiet, u s-sekwestri assoċjati ta' informazzjoni. Barra minn hekk, il-volum ta' *data* personali amministrattiva żdied minħabba l-espansjoni tal-persunal, u ż-żieda ta' Stati Membri ġonna.

Fil-bidu tas-sena, I-UPPE rċieva l-eżitu tal-awditu tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) li twettaq f'April 2023. Barra minn hekk, saru aktar konsultazzjonijiet mal-EDPS fir-rigward tal-iżvilupp ta' kapaċità forensika msaħħha bħala parti mill-ambjent iddedikat tal-UPPE għall-analiżi tal-każijiet. Barra minn hekk, komplew l-iskambji attivi u regolari bejn il-punti ta' kuntatt iddedikati fil-livell ta' ħidma.



Il-programm ta' awtonomija tal-IT, li jirrikjedi li I-UPPE jwettaq tranżizzjoni mis-servizzi tal-IT ipprovdu mill-Kummissjoni Ewropea, ikkonsma riżorsi sinifikanti, inkluż minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data. Madankollu, l-investiment ta' ħin u riżorsi kkontribwixxa wkoll biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandardi stabbiliti ta' protezzjoni tad-data u mar-rekwiżiti regolatorji. Fl-aħħar nett, il-Kulleġġ tal-UPPE reġa' ħatar ukoll l-Uffīċjal tal-Protezzjoni tad-Data.

Matul l-2024, I-UPPE rċieva total ta' seba' talbiet għal aċċess jew talbiet biex jiġu eżerċitati drittijiet oħra tas-suġġetti tad-data, b'rabta ma' *data* personali operazzjonali iżda wkoll amministrattiva. Fi tmiem is-sena, I-EDPS għalaq ilment miftuħ mill-2021, u kkonkluda li ma kien hemm l-ebda ksur mill-UPPE.

RELAZZJONI JIET
TAL-UPPE
MAS-SĦAB
TIEGĦU

10
/ 3
/ 6

RELAZZJONIJIET TAL-UPPE MAS-SĦAB TIEGĦU

Fl-2024, l-UPPE kompla bl-implementazzjoni tal-istrateġija esterna tiegħu biex isaħħaħ ir-rabtiet u jrawwem il-kooperazzjoni mal-kontropartijiet rilevanti kollha, inklużi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenzijsi tal-UE, l-awtoritajiet ta' pajiżi mhux tal-UE u l-Istati Membri tal-UE mhux parteċipanti fl-UPPE, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali, networks ta' esperti u fora. **Is-sensibilizzazzjoni, madwar id-dinja, dwar il-mandat, l-għodod bla preċedent u l-ġuriżdizzjoni tal-UPPE fejn ikunu involuti l-fondi tal-UE, hija essenziali biex jiżdied ir-rappurtar tal-kriminalità, u biex jiġu żgurati l-fiduċja u l-kooperazzjoni effettiva mis-sħab tiegħu f'investigazzjonijiet tranżnazzjonali.**

RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI

L-UPPE pparteċipa f'bosta laqgħat mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill tal-UE.

B'mod partikolari, f'Jannar, il-Kap Prosekurur Ewropew ġiet mistiedna għand il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivilji, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) biex tiddiskuti r-riżultati tal-istudju dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-Regolament dwar l-UPPE, fejn appellat għal **reviżjoni tar-Regolament dwar l-UPPE** abbażi ta' dan. F'April, ippreżentat ir-Rapport Annwali tal-UPPE għall-2023 fil-laqgħa konġunta tal-Kumitat LIBE u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT).

F'April, fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) il-Kap Prosekurur Ewropew infurmat dwar l-impatt li l-UPPE għandu fuq il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. F'Ġunju tat-ukoll rendikont dwar is-sitwazzjoni attwali tal-attività tal-UPPE u **laqgħet l-adeżjoni ta' żewġ Stati Membri ġodda tal-UPPE** fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI). Fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (Dwana), tniedi azzjoni ma' Spanja bl-UPPE fi tmexxija konġunta dwar il-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri. Il-Viċi Kap Prosekurur Ewropew, is-Sur Petr Klement, ippreżentata r-Rapport Annwali tal-UPPE għall-2023 lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN).

F'Settembru, fil-bidu tal-leġiżlatura l-ġdida, il-Kap Prosekurur Ewropew kellha skambju ta' fehmiet fil-Kumitat LIBE, li għalih kienu mistiedna wkoll il-membri tal-CONT. Hija infurmat li l-analiżi tal-evidenza li nġabret fl-investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE tagħti prova li l-gruppi ta' kriminalità organizzata huma attivi mhux biss

fil-qasam tal-frodi tal-VAT, u li, finanzjament adegwat u kooperazzjoni mal-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra tali reati serji (it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-droga, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' armi, it-terroriżmu, eċċ.). Il-Viċi Kap Prosekurur Ewropew, is-Sur Andrés Ritter, ippreżenta l-attività tal-UPPE dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fil-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Parlament Ewropew. L-äġġent Direttur Amministrattiv, is-Sinjura Kristel Siitam-Nyiri, ipparteċipat fi skambji ta' fehmiet mal-Kumitat CONT dwar il-kwittanza.



It-tielet rieżami annwali ta' livell għoli tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-Kummissjoni Ewropea seħħ f'Ottubru 2024 u kkonferma r-reviżjoni tal-Ftehim ta' Ħidma biex jittejjeb il-funzjonament tan-notifikasi tal-UPPE li jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri ta' prekawzjoni u korrettivi. Il-Kap Prosekurur Ewropew ġiet mistiedna għal laqgħa tad-Diretturi Ġenerali f'Ġunju 2024, li kienet opportunità biex jiġu diskussi b'mod partikolari l-implikazzjonijiet prattiċi tal-attività tal-UPPE għal servizzi differenti tal-Kummissjoni.



L-UPPE pparteċipa wkoll fl-iskambju interistituzzjoni annwali ta' fehmiet mal-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, u l-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-OLAF, fejn il-fokus kien l-impatt tal-intelliġenċa artifiċjal fil-ġlied kontra l-frodi.

Fl-aħħar nett, l-UPPE kkonkluda arranġamenti ta' ħidma mal-Parlament Ewropew u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Organizza bosta sessonijiet ta' taħriġ mal-istituzzjonijiet tal-UE (il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u bosta aġenċiji tal-UE) biex jinforma dwar l-attività tal-UPPE, il-valur miżjud tiegħu, u l-mekkaniżmi għar-rappurtar lill-UPPE dwar suspecti ta' mgħiba kriminali.



L-UPPE kkoopera b'mod effiċjenti mal-Europol f'diversi kwistjonijiet operazzjonali, taħt il-patroċinju tal-Kumitat ta'Tmexxija tal-UPPE-Europol. B'mod partikolari, l-Europol ipprovdiet appoġġ (skambju ta' informazzjoni, appoġġ analitiku, għarfien espert, eċċ.) fuq 83 talba mingħand l-UPPE. L-UPPE qed jikkoopera mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika (EFECC), u huwa parti assoċjata tal-Projetti ta' Analiżi li ġejjin: Gruppi ta' Kriminalità Organizzata b'Riskju Ĝholi, Korruzzjoni, Sutrans, MTIC u qed tiġi kkunsidrata l-parteċipazzjoni fi Projetti ta' Analiżi addizzjonali. Permezz ta' timijiet speċjalizzati fi ħdan l-unità tal-Operazzjonijiet tiegħu, l-UPPE kkontribwixxa b'mod attiv biex jinkisbu l-esperjenza operazzjonali rilevanti u l-informazzjoni intuwittiva għal dawn il-projetti, filwaqt li jarrikkixxi l-għarfien u l-kapaċitajiet propriji tiegħu biex jiprovd għarfien espert. L-UPPE ilu minn Ottubru membru taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna, ospitat fl-Europol.



L-UPPE kellu 149 skambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' ġbir ta' evidenza u 235 skambju ta' informazzjoni fil-qafas tas-sistema hit/no-hit sabiex jiġu evitati investigazzjonijiet paralleli dwar l-istess fatti. Barra minn hekk, l-OLAF ikkonkluda l-attivitàajiet komplementari tiegħu fir-rigward ta' 21 każ tal-UPPE u l-attivitàajiet ta' appoġġ tiegħu fir-rigward ta' 5 każijiet oħra tal-UPPE.



European Union Agency for
Criminal Justice Cooperation

L-UPPE u l-Eurojust implementaw l-aċċess indirett għall-informazzjoni fis-sistemi rispettivi tagħhom ta' ġestjoni tal-każijiet, abbażi ta' sistema "hit/no-hit" (l-Artikolu 100(3) tar-Regolament dwar l-UPPE, l-Artikolu 50(5) tar-Regolament dwar il-Eurojust). It-timijiet ta' kollegament tal-UPPE u tal-Eurojust iltaqgħu darba matul il-perjodu ta' rappurtar. Sa tmiem is-sena, kien hemm 25 każ li kienu għadhom għaddejjin li ġew appoġġati mill-Uffiċċċi Nazzjonali tal-Eurojust. L-UPPE pparteċipa fit-Tnedja tan-Network Ĝudizzjaru Ewropew għall-Prosekturi tal-Kriminalità Organizzata, li ġie ospitat mill-Eurojust.

L-ISTITUZZJONIJIET, IL-KORPI, L-UFFIĊċJI U L-AĠENZIJI TAL-UE: STATISTIKA RELATATA MA' RAPPURTAR DWAR IL-KRIMINALITÀ

IBOA (l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi)	Kompetenza Eżerċitata	Kompetenza Mhux Eżerċitata	Deċiżjoni dwar Kompetenza Pendentni	Total
L-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)	44	6	9	59
Il-Bank Ewropew tal-Investiment	9	5	6	20
Aġenziji Eżekuttivi	3	1	3	7
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	6	mhux applikabbi	1	7
Il-Kummissjoni Ewropea	7	3	2	12
Il-Europol	2	mhux applikabbi	2	4
Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	2	1	mhux applikabbi	3
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	mhux applikabbi	mhux applikabbi	1	1

RELAZZJONIJIET MA' STATI MEMBRI MHUX PARTEĊIPANTI U PAJJIŻI MHUX TAL-UE

Fir-rigward tal-Istati Membri mhux parteċipanti, is-sena 2024 kienet ikkaratterizzata mill-**adeżjoni tal-Polonja u tal-İżvejja mal-UPPE**, mill-20 ta' Marzu u mid-19 ta' Lulju 2024, rispettivament.

Fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE, I-UPPE kompli jsaħħa h il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet minn pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE.


B'mod partikolari, I-UPPE organizza taħriġ mal-prosekturi Ukreñi fl-Uffiċċju Ċentrali, u fformalizza sħubijiet ġodda barra miż-żona tal-UPPE b'arranġamenti ta' ħidma ffirmati ma': Iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tar-Repubblika

tal-Moldova, il-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni tas-Seychelles, u l-uffiċċju tal-Prosektur Ġeneralis tal-Prinċipat ta' Andorra.

Sal-lum, I-UPPE ffirma wkoll arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet kompetenti mill-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, I-Ukrajna u I-Uniti States of America.

Fl-2024, I-UPPE sar osservatur fin-Network ta' Prosekturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (in-Network NADAL).

SħAB INTERNAZZJONALI TAL-UPPE



PUNTI EWLENIN:

TLIETA MILL-PRIJORITAJIET INTERNAZZJONALI TAL-UPPE MATUL L-2024

L-istabbiliment ta' pedament aktar b'saħħtu għall-ġlied kontra l-kriminalità organizzata

Fi Frar, I-UPPE ħa sehem fil-Forum Internazzjonali TAIEX (strument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea) għall-Prosekturi dwar il-Ġlied Kontra l-Kriminalità Organizzata Transfruntiera li seħħi fi Brussell għat-tielet darba. L-ġhan kien li tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti u li tiġi ffaċilitata aktar il-kooperazzjoni mar-rappreżentanti mir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat.

F'Marzu, I-UPPE kien involut ma' żewġ sħab, I-Organizzazzjoni Intra-Ewropea tal-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa (IOTA) u I-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) fis-Sessjoni annwali tad-WCO tal-Kunitat ta' Infurzar fi Brussell.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi membri tal-Amerika Latina, I-UPPE żviluppa wkoll sħubija mill-qrib mal-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Prosekturi Pubbliċi (AIAMP), billi attenda l-laqqha plenarja fi Frar fiċ-Ċili, kif ukoll mal-programm EL PACCTO 2.0 (il-Programm ta' Assistenza tal-Ewropa tal-Amerika Latina kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali), u f'Settembru attenda l-Ewwel Laqgħa tan-Networks tal-Amerika Latina għall-Ġlied kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali u t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja tal-Amerika Latina (GAFLAT) fil-Brażil.

II-kontribut għall-ġlied kollettiva kontra l-korruzzjoni

Permezz ta' sħubijiet ġodda, is-sensibilizzazzjoni dwar il-mandat tal-UPPE u għodod uniċi, u l-kondiżjoni tal-ġħarfien espert f'formati internazzjonali ewleni li jiġi flimkien l-aħjar esperti minn pajjiżi madwar id-dinja, I-UPPE kkontribwixxa għall-ġlied kontra l-korruzzjoni.

F'Mejju, I-UPPE attenda t-tmien Simpożju tal-Kummissjoni Indipendenti Kontra l-Korruzzjoni (ICAC) tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong, li ġie ospitat b'mod konġunt mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Awtoritajiet Kontra l-Korruzzjoni (IAACA). F'Ġunju, I-UPPE pparteċipa wkoll fil-fil-21 Konferenza Internazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (IACC) f'Vilnius. F'Settembru, I-UPPE ngħaqad fil-ħames laqgħa Plenarja tan-Network Operazzjonali Globali tal-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi Kontra l-Korruzzjoni (in-Network GlobE) li seħħet f'Beijing.

Barra minn hekk, f'Ottubru I-UPPE attenda l-laqqħat tal-OECD, b'mod partikolari l-laqqha reġjonali tan-Network Kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (ACN) f'Riga u l-laqqha plenarja tas-Sħab Ewropej Kontra l-Korruzzjoni (EPAC) u n-Network Ewropew ta' Punti ta' Kuntatt Kontra l-Korruzzjoni (EACN) f'Novembru, f'Bucharest.

Il-ħolqien u t-tishħiħ ta' sħubijiet bilaterali strateġiċi

Abbażi tal-ħtiġijiet operazzjonali tiegħu, u x-xejriet osservati fil-frodi u l-ħasil tal-flus, l-UPPE kien involut fi sħubijiet ġodda u saħħaħ dawk eżistenti, biex jiġura l-fiduċja u l-kooperazzjoni effettiva mas-sħab tiegħu f'investigazzjonijiet tranżnazzjonali:

- L-UPPE ffirma Memorandum ta' Qbil mal-Viċi Presidenza dwar l-Integrità tal-Bank Dinji;
- L-UPPE organizza laqgħat bilaterali mal-kontropartijiet tiegħu minn, fost l-oħrajn, il-Brażil, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Kolombja, Hong-Kong, l-Ungjerija, l-Indja, l-Irlanda, il-Malażja, il-Panama, il-Polonja, l-Iżveja, l-Iżvizzera, is-Serbja, l-Afrika t'Isfel, l-Ukrajna, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerika, u l-Vjetnam;
- L-UPPE laqa' fil-bini tiegħu, delegazzjonijiet mill-Bożnja-Herzegovina, mill-Brażil, mill-Kanada, mill-Moldova, mill-Montenegro, mill-Polonja, mill-Ukrajna, mill-Emirati Għarab Magħquda u mir-Renju Unit biex jiskambjaw għarfien espert u jindirizzaw sfidi kondiviżi f'investigazzjonijiet transfruntiera kriminali.

ORDNIJET TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEJ U TALBIET GĦAL ASSISTENZA LEGALI REĊIPROKA F'INVESTIGAZZJONIJET KRIMINALI MIBGĦUTA FL-2024 MILL-UPPE

Stati Membri mhux parteċipanti	Talbiet ta' OIE u assistenza legali reċiproka fl-2024
Id-Danimarka	3
L-Ungjerija	30
L-Irlanda	21
Total	54
Stati Membri parteċipanti ġodda	Talbiet ta' OIE fl-2024
Il-Polonja	21
l-Iżveja	3
Total	24
<i>Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: Il-Polonja u l-Iżveja ngħaqdu mal-UPPE iżda baqgħu mhux operazzjonali matu l-I-2024.</i>	
Pajjiżi mhux tal-UE	Talbiet ta' assistenza legali reċiproka 2024
L-Albanija	3
Il-Bożnja-Herzegovina	3
Il-Brażil	1
Iċ-Ċil	1
Costa Rica	1
Ir-Repubblika Dominicana	1
Il-Guinea-Bissau	1
Ir-Repubblika tal-Korea	5
Il-Malażja	1
Mauritius	1
Il-Moldova	5
Monaco	3
Il-Panama	1
Il-Perù	1
San Marino	1
Is-Serbja	3
Singapore	1
L-Iżvizzera	10
It-Tuneżja	1
It-Turkija	8
L-Emirati Għarab Magħquda	4
Ir-Renju Unit	17
L-Ukrajna	2
L-Urugwaj	1
L-Istati Uniti tal-Amerika	7
Total	83

KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI F'KAŻIJIET TAL-UPPE INVESTIGAZZJONI GOLIATH

<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/investigation-goliath-...>

Mexxejja suspettati ta' grupp kriminali internazzjonali akkużati bi frodi tal-VAT li tammonta għal EUR 93 miljun¹⁰⁸

Fid-9 ta' Awwissu 2024, tliet mexxejja suspettati ta' grupp kriminali internazzjonali ġew akkużati fil-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf (il-Ġermanja) għal frodi tal-VAT li tammonta għal EUR 93 miljun, b'segwitu għal investigazzjoni mill-UPPE f'Hamburg, bl-isem kodiċi Goliath.

Tnejn mis-suspettati tqiegħidu taħt arrest preventiv. Wieħed ġie arrestat f'Novembru 2023, u suspettat ieħor, ċittadin Daniż li jinsab f'Nairobi, ġie arrestat u deportat f'Ġunju 2024, bis-saħħha tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-awtoritajiet mid-Danimarka u mill-Kenja.

L-investigazzjoni, appoġġata mill-Europol u minn bosta aġenziji nazzjonali, tkopri bosta pajjiżi, inklużi Franza u l-Ġermanja, Stati Membri mhux parteċipanti (id-Danimarka, l-Ungeria u l-Iżveja) u pajjiżi mhux tal-UE (l-Iżvizzera). Intalbet ukoll kooperazzjoni mill-awtoritajiet Torok, fir-rigward tal-flussi tal-flus.

Il-persuni suspettati ġew akkużati b'assoċjazzjoni kriminali u frodi tal-VAT fuq skala kbira, li primarjament jinvolu l-kummerċ internazzjonali tal-elettronika tal-konsumatur, bħal kuffji. Huma ġew akkużati li użaw skema ta' frodi karusell tal-VAT biex jevadu t-taxxa billi jisfruttaw ir-regoli tat-tranżazzjonijiet transfruntiera tal-UE, li jirriżulta f'telf finanzjarju sinifikanti għall-baġits tal-UE u dawk nazzjonali.

Il-persuni kollha kkonċernati jitqiesu innoċenti sa meta jinstabu ħatja fil-qrat kompetenti tal-liġi.

PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITAJIET INTERNAZZJONALI

(NETWORKS, KUMITATI U STRUTTURI SIMILI, ATTIVITAJIET KONTRA L-KORRUZZJONI)

IL-PJATTAFORMA MULTIDIIXXPLINARI EWROPEA KONTRA T-THEDDID KRIMINALI (EMPACT)

L-UPPE qed jipparteċipa fil-Pjattaforma Multidixxplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), u b'mod aktar speċifiku, fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) rilevanti għall-mandat tal-UPPE: networks kriminali ta' riskju għoli, frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC) u frodi tas-sisa, kif ukoll Finanzi Kriminali, Ħasil tal-Flus u Rkupru tal-Assi (CFMLAR). Għall-ewwel darba fl-2024, l-UPPE huwa mexxej ta' Azzjoni Operazzjonali (OA) taħt I-OAP tal-EMPACT bl-frodi MTIC fil-mira

IN-NETWORK TAL-INTERAĠENZIJI CAMDEN GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI (CARIN)

L-UPPE, bħala osservatur, attenda l-Laqqha Ġenerali Annwali CARIN, li seħħet f'Pariġi (Franza) f'Novembru 2024, li laqqgħet flimkien aktar minn 160 speċjalista għall-irkupru tal-assi mid-dinja kollha għalli-20 sena tan-network. Iż-żewġ punti ta' kuntatt tal-UPPE pparteċipaw f'bosta sessjonijiet ta' ħidma u skambjaw fehmiet dwar modi kif jittejjebil il-proċess tal-irkupru tal-assi, speċjalment meta jkunu involuti pajiżi mhux tal-Unjoni Ewropea, u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali billi jiddependu fuq l-appoġġ ta' CARIN, networks reġjonali affiljati, u sħab internazzjonali oħra. Fl-2024, l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE bagħat ħames talbiet għal informazzjoni lill-punti ta' kuntatt rilevanti CARIN.

IL-KUNSILL TAL-EWROPA

L-UPPE, bħala osservatur, ipparteċipa f'laqqħat plenarji tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Operazzjoni tal-Konvenzionijiet Ewropej dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (PC-OC), fi Strasburgu.

IS-SĦAB EWROPEJ KONTRA L-KORRUZZJONI (EPAC) U N-NETWORK EWROPEW KONTRA L-KORRUZZJONI (EACN) TAL-PUNTI TA' KUNTATT

F'Novembru, l-UPPE attenda, bħala osservatur, l-Assemblea ġenerali tas-Šhab Ewropej kontra l-Korruzzjoni (EPAC) u n-network Ewropew kontra l-korruzzjoni (EACN) tal-punti ta' kuntatt, f'Bucharest.

L-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-İZVILU P EKONOMIĊI (OECD)

L-UPPE, bħala osservatur, attenda l-laqqħat plenarji tal-Grupp ta' Ħidma tal-OECD dwar it-Tixħim fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali (WGB). Barra minn hekk, f'Ġunju u f'Diċembru, l-UPPE attenda l-laqqħat tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi (LEO) u tan-Network Globali ta' Praktikanti tal-Infurzar tal-Liġi kontra t-Tixħim Tranżnazzjonali (GLEN), f'Pariġi.

L-UPPE pparteċipa fl-14-il laqqha reġjonali tan-Network kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (ACN) – Network għall-Infurzar tal-Liġi (LEN) f'Riga.

L-UPPE pparteċipa wkoll fil-laqqħat plenarji tat-Taskforce tal-OECD dwar it-Taxxa u l-Kriminalità (TFTC).

IL-GRUPP EGMONT TAL-UNITAJIET TAL-INTELLIGENCE FINANZJARJA (GRUPP EGMONT)

F'Jannar 2024, l-UPPE attenda l-laqqħat annwali tal-gruppi ta' ħidma u dawk reġjonali tal-Grupp Egmont u l-laqqha tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni (IEWG) li seħħew f'Malta u f'Ġunju sar osservatur fil-Grupp Egmont. L-UPPE se jikkontribwixxi għal attivitajiet operazzjonali u strateġiċi mmirati lejn it-tiġi tal-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-ħasıl tal-flus.

IN-NETWORK OPERAZZJONALI GLOBALI TAL-AWTORITAJIET TAL-INFURZAR TAL-LIġI KONTRA L-KORRUZZJONI (NETWORK GLOBE)

L-UPPE, bħala membru tan-Network GlobE, ħa sehem fil-ħames laqqha plenarja f'Settembru, f'Beijing, fost il-prattikanti tal-infurzar tal-liġi kontra l-korruzzjoni, li magħhom jikkoopera, abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC).

IN-NETWORK ġUDIZZJARU EWROPEW (NGE)

Inħatru tliet punti ta' kuntatt tan-Network ġudizzjaru Ewropew (NGE) fi ħdan l-UPPE. L-UPPE pparteċipa fit-62 u t-63 Laqqha Plenarja tan-NGE biex jikkondividli l-għarfiens espert tiegħi u jiffaċilita l-kooperazzjoni ma'sħab oħra tan-NGE.

L-AKKADEMJA TAL-UPPE U T-TAĦRIĠ ESTERN

Sabiex jaħdem fuq investigazzjonijiet ekonomiċi transfruntiera, li huma prinċipalment marbuta mal-kriminalità organizzata, I-UPPE – bħala uffiċċju ta’ prosekuzzjoni tranżnazzjonali – jeħtieġ l-appoġġ ta’ investigaturi b’ħiliet għolja u ddedikati f’kull Stat Membru parteċipanti.

B’riżultat ta’ dan, fl-2024, I-UPPE ffinanzja, taħt il-patroċinju tal-programm ta’ taħriġ tal-Akkademja tal-UPPE, **żewġ korsijiet internazzjonali fuq il-post: “EPPO Essentials: Cross-border policing and financial investigations” (Elementi essenziali tal-UPPE: Pulizija transfruntiera u investigazzjonijiet finanzjarji).** Dawn il-korsijiet tfasslu għal **49 investigatur finanzjarju** mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-24 Stat Membru tal-UPPE. Il-parteċipanti ġew imħarrġa, f’ambjent internazzjonali, dwar ir-reati PIF u l-pekuljaritajiet tal-ħidma fuq investigazzjonijiet għall-UPPE.

Ġew ipprovduti aktar sessjonijiet ta’ taħriġ iddedikati lill-uffiċċali tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri dwar suġġetti relatati mal-**Frodi MTIC** u l-mod kif I-UPPE jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu fil-Ġermanja, fir-Rumanja, fi Franzia u fil-Lussemburgo. Sessjonijiet addizzjonali kienu jinkludu taħriġ dwar I-investigazzjoni ta’ **reati doganali** fl-Estonja u fi Franzia, u **reati tas-sisa** fil-Latvja, flimkien ma’ sessjoni dwar **“Kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew”**, b’fokus spċificu fuq l-awtoritajiet doganali fil-Kroazja.

Fl-implementazzjoni tal-arranġament ta’ ħidma mal-Aġenċja tal-Unjoni Ewropaea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), I-UPPE ta parti minn taħriġ għall-infurzar tal-liġi minn 27 Stat Membru dwar il-**ġlieda kontra I-kriminalità organizzata, I-investigazzjonijiet dwar il-frodi MTIC u l-frodi relatata ma’ akkwist/mħux relatata ma’ akkwist**, b’fokus fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u **l-frodi doganali** relatata. Barra minn hekk, I-UPPE ta parti minn taħriġ għall-infurzar tal-liġi fir-reġjun Baltiku, b’fokus fuq l-approċċi tal-UPPE fil-ġlied kontra l-**frodi MTIC** u webinar intitolat **“Investigation Admiral - A joint investigative approach to combat MTIC fraud.”**

B’appoġġ għat-taħriġ għall-ġudikatura, il-persunal tal-UPPE ta korsijiet ta’ taħriġ speċjalizzati dwar I-UPPE,

I-istituzzjoni, ir-regolamentazzjoni, il-mandat, u l-mod ta’ investigazzjoni tiegħu għall-imħallfin u l-prosekuturi fil-Bulgarija, fi Franzia, fil-Ġermanja, fir-Rumanja u fi Spanja. L-UPPE appoġġa s-sessjonijiet ta’ taħriġ bi preżentazzjonijiet dwar I-UPPE f’diversi Stati Membri parteċipanti. Ingħata taħriġ dwar il-ġlieda kontra l-frodi relatata ma’ nefqa fi Franzia, imfassal għall-aġenti tal-awtoritajiet nazzjonali, li huma involuti fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE.

Barra minn hekk, I-Uffiċċju Ċentrali ospita delegazzjonijiet mis-servizzi ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni ta’ bosta Stati Membri biex tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar I-UPPE u l-operazzjonijiet tiegħu.

L-UPPE appoġġa ħames sessjonijiet ta’ taħriġ fuq il-post tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA).

Fl-implementazzjoni tal-arranġament ta’ ħidma man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), il-ħarrieġa ġew skjerati għas-sessjonijiet ta’ taħriġ tagħhom, kif ukoll appoġġaw taħriġ online dwar I-investigazzjonijiet relatati mal-VAT.

Kif diġà sar fl-2023, I-UPPE laqa’ **żjara ta’ studju** mill-ERA tal-uffiċċali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi fil-kuntest ta’ wieħed mit-taħriġ tas-CEPOL u I-EJTN tagħhom.

L-UPPE organizza **tliet żjarat ta’ studju tal-EJTN**: tnejn fl-Uffiċċju Ċentrali u waħda fl-uffiċċju tal-UPPE f’Hamburg, li offrew lill-imħallfin u lill-prosekuturi mill-Ewropa kollha l-opportunità li jitgħallmu aktar dwar I-UPPE. Waħda minnhom, li kienet żjara ta’ studju speċjalizzata dwar reati finanzjarji, offriet l-opportunità li tingħata ġarsa fil-fond lejn il-mandat u x-xogħol tal-UPPE.

Għall-ewwel darba fl-2024, I-UPPE ospita **sitt trainees fit-tul tal-EJTN** għal perjodu ta’ sitt xhur, li ngħaqdu mal-unità tal-Operazzjonijiet u ġadmu mal-Prosekururi Ewropej, mas-Servizz Legali, jew mal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data.

Fl-aħħar nett, f’termini ta’ taħriġ estern, il-konsorzu tal-ERA u I-EJTN ipprovved **14-il kors ta’ taħriġ online għall-iżvilupp professjonal** lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-persunal operazzjonali dwar suġġetti operazzjonali differenti matul is-sena.

GLOSSARJU Ü NOTI

GLOSSARJU U NOTI

Dan il-glossarju jispjega t-termini li ntużaw matul dan ir-rapport, kif ukoll il-kategoriji użati meta tiġi ppreżentata l-istatistika tal-UPPE – għall-Uffiċċju Ċentrali u għal kull Stat Membru parteċipanti – fil-31 ta' Diċembru 2024.



Appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti

L-għadd ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti ppreżentati mill-UPPE fl-2024.



Atti tal-akkużi

L-għadd ta' akkużi formali ta' persuni (fiziċċi u ġuridiċi) li nħarġu f'każijiet tal-UPPE fl-2024 li permezz tagħhom is-suspettati rispettivi jitressqu quddiem il-qorti.



Awli Permanentni

L-Awli Permanentni huma l-magna operazzjonali tal-UPPE, u huma saff addizzjonal b'saħħtu biex tiġi għarantita l-indipendenza tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-UPPE.

Dawn jimmonitorjaw l-azzjonijiet li jittieħdu matul investigazzjoni, u jiddeċiedu dwar il-passi ewlenin kollha – bħal jekk għandux ikun hemm prosekuzzjoni jew arkivjar ta' każ, jew tiġix applikata proċedura simplifikata. Kull Awla Permanentni (b'kolloks 15) tikkonsisti minn tliet Prosekat Ewropej li huma membri permanenti, li jissorveljaw lill-Prosekat Ewropej Delegati Ewropej. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni indipendent tal-każ, l-ebda wieħed mill-membri permanenti tal-Awla Permanentni ma jiġi mill-pajjiż li fih ikun oriġina r-rapport.



Dannu lill-interessi finanzjarji tal-UE

Dannu lid-dħul, in-nefqiet u l-assi kollha koperti jew akkwistati permezz jew inkella dovuti lill-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-baġits tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenzijsi stabbiliti skont it-Trattati, jew il-baġits ġestiti u mmonitorati minnhom.



Dannu totali stmat

Id-dannu stmat li jirriżulta mill-iskema kollha ta' frodi, kemm għall-interessi finanzjarji tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll għall-Unjoni, bl-eskużjoni ta' interassi u penali.



Deċiżjonijiet biex jiġu assenjati miżuri ta' assistenza lill-Prosekat Ewropej fi Stat Membru parteċipanti differenti

L-għadd ta' deċiżjonijiet, li nħarġu fl-2024, għall-assenjar ta' miżuri biex jassistu lill-Prosekat Ewropej minn Stati Membri parteċipanti differenti f'investigazzjonijiet transfruntiera, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar I-UPPE.



Deċiżjonijiet finali tal-qorti

L-għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti li nħarġu f'każijiet tal-UPPE fl-2024.



Deċiżjonijiet tal-ewwel qorti

L-għadd ta' deċiżjonijiet tal-ewwel qorti li nħarġu f'każijiet tal-UPPE fl-2024.



Ex officio

Il-ftuħ ta' każ b'mod awtonomu, indipendent minn kontribut, rapport jew talba minn barra.



Frodi

Rappreżazzjoni falza, permezz ta' dikjarazzjoni jew ta' mgħiba, magħmulu b'mod konxju jew bi traskuraġni biex jinkiseb vantaġġi materjali.



Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT

Imġiba frodulenti li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, fir-rigward ta' dħul ieħor minbarra dħul li jirriżulta minn riżorsi tal-VAT. It-tipi komuni jinkludu l-kunrabandu u l-użu ta' dikjarazzjonijiet doganali foloz.



Frodi relatata ma' nefqa

Terminu użat biex tiġi definita b'mod konjunkt frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist u frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist.



Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist

Imġiba frodulenti li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, fir-rigward ta' nefqa mhux relatata ma' akkwist – bħal għajnejha finanzjarja jew sussidji.



Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist

Imġiba frodulenti fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist għal proġetti ffinanzjati mill-pubbliku, b'mod predominantni mwettqa permezz tal-użu jew tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew ta' dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti.



Frodi relatata mad-dħul mill-VAT

L-evażjoni intenzjonata u diżonesta ta' pagament tat-taxxa fuq il-valur miżjud.



Ħasil tal-flus

Il-proċess ta' ħabi tal-oriġini ta' flus li jinkisbu b'mod illegali u li jiġi leġgittizzati, billi jgħaddu minn sekwenza kumplessa ta' trasferimenti bankarji jew tranżazzjonijiet kummerċjali.



Investigazzjonijiet attivi b'dimensjoni transfruntiera

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2024, li kienu jinvolvu mill-inqas żewġ pajjiżi (bħala l-post tal-attività kriminali, jew bħala l-post tad-dannu finanzjarju, jew it-tnejn li huma).



Investigazzjonijiet attivi fl-użu fradulenti tal-fondi mqassma skont il-programm

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi li jikkonċernaw il-fondi tal-UE, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2024, li fihom mill-inqas reat wieħed ta' frodi f'nefqa – jew reat relatat (koruzzjoni, ġas-sil tal-flus, miżappropazzjoni, frodi mhux relatata mad-dħul mill-VAT, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali ffokata fuq kriminalità PLF, reat marbut inseparabilment) – kien taħt investigazzjoni, imqassam skont il-programm ta' finanzjament.

“Każijiet ta'dubju” huma investigazzjonijiet fejn is-sors ta' finanzjament ikun għadu ma ġiex stabbilit jew identifikat.



Investigazzjonijiet attivi ta' frodi tal-VAT + dannu totali stmat

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2024, li fihom tal-anqas reat wieħed ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kien taħt investigazzjoni, u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Investigazzjonijiet miftuħa + dannu stmat

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi li nfetħu fl-2024 u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Investigazzjonijiet transfruntiera

Investigazzjonijiet li jinvolvu żewġ Stati Membri parteċipanti jew aktar, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar I-UPPE.



Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi bi status, fil-31 ta' Diċembru 2024, li jindika li l-proċedimenti tal-appell kienu għadhom għaddejjin.



Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali

L-ġħadd ta' każijiet investigattivi bi status, fil-31 ta' Diċembru 2024, li jindika li l-proċedimenti tal-qorti kienu għadhom għaddejjin.



Każijiet miċħuda

Iċ-ċaħda ta' każ hija t-terminazzjoni ta' investigazzjoni kontra persuna meta l-prosekuzzjoni tkun saret impossibbli, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-Prosekurur Delegat Ewropew inkarigat, minħabba kwalunkwe waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Din iċ-ċifra turi l-għadd ta' arkivjar ta' każijiet tal-UPPE fl-2024. Arkivjar ta' każijiet biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati huma kkunsidrati bħala arkivjar parżjali, u jidhru bħala nota tat-tmiem f'din il-kategorija.



Konfiska

Ċaħda finali ta' proprietà ordnata minn qorti, fir-rigward ta' reat kriminali.



Korruzzjoni

Abbuż ta' poter fdat għal gwadann privat.



Kundanni

L-għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti li nħarġu f'każijiet tal-UPPE fl-2024 li fihom ġie kkundannat mill-inqas akkużat wieħed (inkluża deċiżjoni ekwivalenti adottata b'segwitu għal proċeduri simplifikati disponibbli skont il-liġi nazzjonali)




Liberazzjonijiet

Liberazzjoni hija deċiżjoni minn qorti li konvenut akkużat b'reat ma jkunx ħati. L-għadd ta' liberazzjonijiet li qed jintwerew f'dawn il-paġni jindika l-għadd ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti li nħarġu f'dak li jirrigwarda l-każijiet tal-UPPE fl-2024, li fihom is-suspettati kollha ġew liberati.



L-investigazzjonijiet attivi kollha + id-dannu totali stmat

L-għadd ta' każijiet investigattivi miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2024, u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Mekkaniżmu "hit/no-hit"

Sistema li tippermetti li l-kontropartijiet ikollhom aċċess indirett għas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet ta' xulxin, bil-konkordanzi rilevanti jiġi kkomunikati b'mod reċiproku.



Miżapproprijazzjoni

L-azzjoni ta' uffiċjal pubbliku, li jkun direttament jew indirettament fdat bil-ġestjoni tal-fondi jew tal-assi, li b'xi mod jippenja jew jiżborża l-fondi, jew li jagħmel approprazzjoni jew juża assi li jmorru kontra l-iskop li għalihi kienu maħsuba, li jirriżulta f'dannu għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Negozjanti neqsin

Kumpaniji fittixi stabbiliti għall-iskop waħdieni li jevadu l-pagament tal-VAT.



Ordnijiet ta' ffrizär mogħtija

"Iffriżar" jista' jiġi definit bħala "l-projbizzjoni temporan ja-tat-trasferiment, il-qedra, il-konverżjoni, id-disponiment jew il-moviment ta' proprietà, jew l-inkarigu temporanu tal-kustodja jew tal-kontroll tal-proprietà".

Din iċ-ċifra tirrappreżenta l-valur tal-assi ffriżati/sekwestrati fl-investigazzjonijiet tal-UPPE fl-2024, kif ornat mill-qrat jew mill-imħallfin kompetenti, jekk applikabbli, jew kif ornat mill-Prosekurur Delegat Ewropew.



Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF

Assoċjazzjoni strutturata, stabbilita fuq perjodu ta' żmien, ta' aktar minn żewġ persuni li jaġixxu lkoll flimkien, bil-ħsieb li jwettqu reati li jaffettaw l-interessi finanzjarji tal-UE sabiex jiksbu, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew benefiċċju materjali ieħor.



Proċeduri simplifikati ta' prosekuzzjoni

L-ġħadd ta' deċiżjonijiet biex jiġu applikati proċeduri simplifikati ta' prosekuzzjoni, li nħarġu f'każijiet tal-UPPE fl-2024. Id-deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjonijiet ta' proċeduri ta' prosekuzzjoni simplifikata biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati huma kkunsidrati bħala deċiżjonijiet parżjali, u jidhru bħala nota tat-tmiem f'din il-kategorija.

Proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni hija metodu użat biex tintemm investigazzjoni tal-UPPE. Fil-livell tal-liġi nazzjonali, dan jista' jissejja ħaqeqi negozjar ta' eċċezzjoni, negozjar ta' eċċezzjoni, ftehim ta' eċċezzjoni, ftehim innegozjat ta' eċċezzjoni jew negozjar ta' sentenza. Tali terminoloġija normalment tikkonċerna, b'mod ġenerali, proċedura inqas formal li fiha l-konvenut jista' jaqbel li jwieġeb ħati bi skambju li l-prosekuzzjoni twaqqa' akkużi oħra, jew taqbel li jsir proċess sommarju.



Rapporti/llmenti riċevuti

L-ġħadd ta' rapporti dwar il-kriminalità tal-UPPE riċevuti mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi kif ukoll mill-partijiet privati fl-2024; il-każijiet irregjistrati mill-UPPE fuq inizjattiva propria (*ex officio*) huma inklużi wkoll f'din il-kategorija.



Reat marbut inseparabilment

Reat kriminali li huwa marbut inseparabilment ma' mgħiba kriminali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371. Il-kunċett ta' inseparabbilità għandu jinftiehem b'referenza għall-identità tal-fatti materjali (jew fatti li huma sostanzjalment l-istess) – jiġifieri l-eżiżenza ta' sett ta' ċirkostanzi konkreti li huma marbuta flimkien inseparabilment fiż-żmien u fl-ispazju.



Riferimenti lill-awtoritajiet nazzjonali

L-ġħadd ta' każijiet tal-UPPE riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali fl-2024. Każijiet riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati huma kkunsidrati bħala riferimenti parżjali, u jidhru bħala nota tat-tmiem f'din il-kategorija.



Rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti

L-ġħadd ta' rimedji legali disponibbli f'kundizzjonijiet eċċezzjonali u użati fl-2024 kontra deċiżjonijiet finali tal-qorti, fejn applikabbli.



Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

Taxxa ġenerali fuq il-konsum li hija armonizzata fil-livell tal-UE. Din hija taxxa fuq il-konsum fuq bażi wiesgħa, ivvalutata fuq il-valur miżjud ta' oġġetti u servizzi, u tapplika bejn wieħed u ieħor għall-oġġetti u għas-servizzi kollha li jinxtraw u jinbiegħu għall-użu jew għall-konsum fl-UE. B'hekk, l-oġġetti li jinbiegħu għall-esportazzjoni, jew is-servizzi li jinbiegħu lill-klijenti barra mill-pajjiż, normalment ma jkunux soġġetti għall-VAT. Min-naħħa l-oħra, l-importazzjonijiet jiġu ntaxxati biex iżommu s-sistema ġusta għall-produtturi tal-UE, biex b'hekk ikunu jistgħu jikkompetu b'termini ugwali fis-suq tal-UE mal-fornituri li jinsabu barra mill-UE.



Tipoloġiji identifikati f'każijiet attivi tal-UPPE

L-ġħadd (u l-perċentwali, approssimati sa' żewġ punti deċimali) tat-tipi ta' reati investigati f'każijiet tal-UPPE, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2024, imqassma skont it-tipi. Kun af li investigazzjoni waħda tista' teżamina bosta tipi ta' reati.

NOTI TAT-TMIEM

- 1 37 każ addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
2 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 105 persuni addizzjonali.
3 12-il każ addizzjonali ġew parzialment riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali.
4 Ir-riferimenti parzjali lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonċernaw 16-il persuna addizzjonali.
5 Iċ-ċifra tinkludi 459 rapport ripetittiv u 1564 rapport li waslu mingħand partijiet privati fi Stati Membri
mhux parteċipanti u f'pajjiżi terzi.
6 Dan in-numru jirreferi għal 74 każ fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
7 3 każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
8 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 9 persuni addizzjonali.
9 Dan in-numru jirreferi għal 7 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
10 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment miċħud.
11 Il-każ miċħud parzialment jikkonċerna 4 persuni addizzjonali.
12 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
13 Ir-riferiment parzjali lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonċerna persuna addizzjonali waħda.
14 Dan in-numru jirreferi għal każ wieħed fejn kemm ir-reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll dawk ta' frodi
relatata ma' dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
15 Dan in-numru jirreferi għal 2 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
16 Każ wieħed ġie parzialment miċħud.
17 Il-każ miċħud parzialment jikkonċerna persuna waħda u reat wieħed.
18 Dan in-numru jirreferi għal każ wieħed fejn kemm ir-reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll dawk ta' frodi
relatata ma' dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
19 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment miċħud.
20 Il-każ miċħud parzialment jikkonċerna persuna addizzjonali waħda.
21 Dan in-numru jirreferi għal 5 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
22 4 każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
23 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 12-il persuna addizzjonali.
24 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
25 Ir-riferiment parzjali lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonċerna persuna addizzjonali waħda.
26 Dan in-numru jirreferi għal 11-il każ fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
27 3 każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
28 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 14-il persuna addizzjonali.
29 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
30 Ir-riferiment parzjali lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonċerna persuna addizzjonali waħda.
31 Dan in-numru jirreferi għal 2 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
32 4 każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
33 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 13-il persuna addizzjonali.
34 Każ addizzjonali wieħed ġie parzialment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
35 Dan in-numru jirreferi għal 28 każ fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
36 Dan in-numru jirreferi għal 5 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
37 Dan in-numru jirreferi għal 2 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
38 Dan in-numru jirreferi għal 2 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
39 16-il każ addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
40 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 41 persuna addizzjonali.
41 8 każijiet addizzjonali ġew parzialment riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali.
42 Ir-riferimenti parzjali lill-awtoritajiet nazzjonali jikkonċernaw 13-il persuna addizzjonali.
43 Dan in-numru jirreferi għal 2 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
44 Dan in-numru jirreferi għal 6 każijiet fejn kemm reati ta' frodi relatata mad-dħul mill-VAT kif ukoll reati ta' frodi relatata ma'
dħul mhux mill-VAT kienu taħt investigazzjoni.
45 5 każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzialment.
46 Il-każijiet miċħuda parzialment jikkonċernaw 11-il persuna addizzjonali.
47 UPPE, L-Awstrija: 15-il arrest f'investigazzjoni ta' frodi ta' EUR 3.5 miljun li tinvolvi fondi RRF (Stqarrija għall-istampa, 21 ta'
Novembru 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/austria-15-arrests-eu35-million-fraud-investigation-involving-rrf-funds>>.

- 48 UPPE, Ċipru: L-UPPE jinvestiga proġett ta'bosta miljuni għal terminal ta'importazzjoni ta'gass naturali likwifkat (Stqarrija għall-istampa, 25 ta' Lulju 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/cyprus-eppo-investigates-project-liquefied-natural-gas-import-terminal>>.
- 49 UPPE, Investigazzjoni Admiral 2.0: L-akbar frodi tal-VAT fl-Ewropa b'rabit mal-kriminalità organizzata (Stqarrija għall-istampa, 28 ta' Novembru 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/investigation-admiral-20-europe-s-biggest-vat-fraud-links-to-organised-crime>>.
- 50 UPPE, Operazzjoni Admiral: L-UPPE jikxfi gruppi ta' kriminalità organizzata responsabbi għall-frodi tal-VAT stmati għal EUR 2.2 biljun (Stqarrija għall-istampa, 29 ta' Novembru 2022) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/operation-admiral-eppo-uncovers-organised-crime-groups-responsible-vat-fraud-estimated>>.
- 51 UPPE, Il-Belġju: Tliet persuni nstabu ħatja ta' evażjoni ta' EUR 3.1 miljun f'dazji doganali fuq roti elettriċi importati (Stqarrija għall-istampa, 19 ta' April 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/belgium-three-convicted-evading-eu31-million-customs-duties-imported-e-bikes>>.
- 52 UPPE, L-Italja: Impiegati taċ-ċivil suspettati b'korruzzjoni b'fondi tal-RRF u involviment fl-organizzazzjoni kriminali (Stqarrija għall-istampa, 24 ta' Ottubru 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/italy-civil-servants-suspected-corruption-rrf-funds-and-involvement-criminal>>.
- 53 UPPE, Il-Litwanja: L-UPPE jwettaq tiftxijiet f'investazzjoni dwar miżapproprjazzjoni ta' fondi mill-Fond BaltCapInfrastructure (Stqarrija għall-istampa, 19 ta' Frar 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/lithuania-eppo-conducts-searches-investigation-misappropriation-funds-baltcap>>.
- 54 UPPE, Investigazzjoni "Resilient Crime": 22 arrest f'raid kontra organizzazzjoni kriminali suspettata bi' frodita EUR 600 miljun li kienet tinvoli l-fondi ta' NextGenerationEU (Stqarrija għall-istampa, 4 ta' April 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/investigation-resilient-crime-22-arrests-raid-against-criminal-organisation-suspected>>.
- 55 Il-parċeċċazzjoni f'organizzazzjoni kriminali għandha tintiehem hawnhekk bħala l-akkuża formal i skont il-liggiżji kriminali nazzjonali rispettivi ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Din hija definizzjoni restrittiva, għajr dik skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI.
- 56 UPPE, Investigazzjoni "Moby Dick": Il-clans mafuži jinvestu fi frodi tal-VAT li tamonta għal EUR 520 miljun (Stqarrija għall-istampa, 14 ta' Novembru 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/investigation-moby-dick-mafia-clans-invest-eu520-million-vat-fraud>>.
- 57 L-aktivitajiet tal-UPPE għandhom jiġu eżerċitati f'konformità kompleta mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li, filwaqt li jipproteġi d-dritt li persuna ma tiġi iċċidukata jew tingħata piena darbejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat (ne bis in idem), jiżgura li ma jkun hemm l-ebda periklu doppju b'rezultat tal-prosekkuzzjonijiet imressqa mill-UPPE.
- 58 UPPE, Franzia: Kumpanija nstabet ħatja ta' frodi doganali li tinvoli prodotti sanitarji (Stqarrija għall-istampa, 2 ta' Ottubru 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/france-company-convicted-customs-fraud-involving-sanitary-products>>. Kif mifhum skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI.
- 59 Id-Deċiżjoni jiet tal-Kulleġġ huma ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 60 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 035/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 dwar l-Arranġament ta' Ħidma dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni tas-Seychelles.
- 61 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 061/2024 tas-6 ta' Novembru 2024 dwar l-Arranġament ta' Ħidma dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Ġenerali tal-Prinċipat ta' Andorra.
- 62 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 036/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 dwar il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Viċi Presidenza għall-Integrità tal-Bank Dinji u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew.
- 63 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 065/2024 tal-20 ta' Novembru 2024 dwar il-Memorandum ta' qbil bejn l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew u l-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Prosekururi Pubbliċi.
- 64 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 055/2024 tat-2 ta' Ottubru 2024 dwar l-Arranġament ta' Ħidma bejn il-Parlament Ewropew u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew.
- 65 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 026/2024 tal-24 ta' April 2024 dwar l-Arranġament ta' Ħidma li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew.
- 66 Emenda għall-Fteħlim l-ijistabbilixxi l-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew - Deċiżjoni tal-Kulleġġ 073/20021 (Annessi).
- 67 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 003/2024 tal-24 ta' Jannar 2024 l-temenda d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 023/2020 tat-2 ta' Diċembru 2020 li tistabbilixxi l-Linji Gwida dwar proċeduri simplifikati.
- 68 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 052/2024 tat-18 ta' Settembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 006/2022 li tadotta l-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2017/1939.
- 69 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 010/2024 tas-7 ta' Frar 2024 li temenda u tissupplimenta r-regoli interni ta' proċedura tal-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew.
- 70 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 028/2024 tal-15 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni dwar il-Funzjonament u l-Proċeduri tal-Awli Permanenti.
- 71 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 009/2024 tas-7 ta' Frar 2024 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 097/2021 tat-22 ta' Settembru 2021 li tistabbilixxi regoli dwar il-personal l-ieħor imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew iżda mhux impiegat tiegħi, kif emadata bid-Deċiżjoni 035/22 tal-20 ta' Lulju 2022.
- 72 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 072/2024 tal-11 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi allowance għall-akkomodazzjoni għal ċerti membri tal-personal li jservu fil-Lussemburgo.
- 73 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 014/2024 tas-7 ta' Frar 2024 dwar ir-Regoli ta' Sigurtà applikabbli għas-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni Diġitali tal-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew ("UPPE").
- 74 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 042/2024 tas-26 ta' Ġunju 2024 dwar l-Istratgeġija ta' Sigurtà 2024-2028.
- 75 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 005/2024 tal-24 ta' Jannar 2024 li taħtar membri tal-Kumitat tal-Etika għall-membri tal-Kulleġġ u l-Prosekururi Delegati Ewropej.
- 76 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 006/2024 tal-24 ta' Jannar 2024 li taħtar membru tal-Bord Dixxiplinari għall-Prosekururi Delegati Ewropej u d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 029/2024 tad-29 ta' Mejju 2024 li taħtar membri tal-Bord Dixxiplinari għall-Prosekururi Delegati Ewropej.

- 78 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 007/2024 tal-24 ta' Jannar 2024 li taħtar membru tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Prosekururi Delegati Europej.
- 79 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 025/2024 tal-24 ta' April 2024 għall-okkupazzjoni temporanja tal-kariga maniġerjali ta' Direttur Amministrattiv tal-UPPE.
- 80 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 048/2024 tal-4 ta' Settembru 2024 li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal sostituzzjoni ta' Prosekurur Ewropew u dwar l-eżerċizzju tal-funzjonij ta' Prosekurur Ewropew interim u ta' Kulleġġ 071/2024 tal-11 ta' Diċembru 2024 dwar l-estensjoni tal-perjodu li ġihli Prosekurur Delegat Ewropew għandu jaġixxi bħala Prosekurur Ewropew interim.
- 81 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 033/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 dwar il-ħatra mill-ġdid tas-Sur Steven Ryder bħala Ufficijal tal-Protezzjoni tad-Data tal-UPPE.
- 82 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 046/2024 tal-10 ta' Lulju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 065/2023 tal-Kulleġġ tal-UPPE tat-18 ta' Ottubru 2023 li tistabbilixxi l-Bord ta'Tmexxja Diġitali.
- 83 Dawn id-Deċiżjonijiet dwar il-ħatra jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 84 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 012/2024 tas-7 ta' Frar 2024 dwar l-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2024-2026.
- 85 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 034/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 dwar il-kontijiet finali tal-UPPE għas-sena finanzjarja 2023.
- 86 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 037/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attivitāt Konsolidat tal-2023 tal-ufficijal awtorizzanti tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew.
- 87 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 073/2024 tal-11 ta' Diċembru 2024 dwar l-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2025-2027.
- 88 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 074/2024 tas-16 ta' Diċembru 2024 dwar l-adozzjoni tal-Baġit tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2025.
- 89 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 075/2024 tas-16 ta' Diċembru 2024 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2025.
- 90 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 016/2024 tal-21 ta' Frar 2024 li tapprova talba għal karigi statutorji addizzjonal u dħul addizzjonal għall-2024. Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 018/2024 tat-13 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni 080/2023 tal-Kulleġġ tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2024. Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 039/2024 tas-26 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 079/2023 tal-Kulleġġ tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar l-adozzjoni tal-Baġit tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2024. Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 040/2024 tas-26 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 018/2024 tal-Kulleġġ tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2024. Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 041/2024 tas-26 ta' Ġunju 2024 dwar l-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2024-2026. Deċiżjoni tal-Kulleġġ 063/2024 tal-20 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 039/2024 tal-Kulleġġ tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2024 dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2024. Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 064/2024 tal-20 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni 050/2024 tal-Kulleġġ tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew tat-18 ta' Settembru 2024 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Ufficijal tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew għas-sena 2024.
- 91 Dan jinkludi 26 deċiżjoni waħda għall-prosekuzzjoni parorzali ta' każz.
- 92 Dan jinkludi 17-il deċiżjoni biex tiġi applikata parżjalment proċedura simplifikata ta' proskezzjoni.
- 93 Dan jinkludi 53 deċiżjoni biex każ-żejju miċħud parżjalment.
- 94 Il-fatti soġġetti għal investigazzjoni ma jikkostitwux reat kriminali li jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.
- 95 Dan jinkludi 16-il deċiżjoni biex każ-żejju riferut parżjalment.
- 96 Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-eżerċizzju tal-kompetenza tal-UPPE kif stabbilita m'għadhomx jintlaħqu.
- 97 Dan jinkludi żewġ deċiżjonijiet biex każ-żejju riferut parżjalment.
- 98 Linji gwida ġenerali li jippermettu lill-Awli Permanenti jirreferu każ-lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal reati li kkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw dannu ta' anqas minn EUR 100 000 lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- 99 Dawn iċ-ċifri jirreferu għal rapporti rregjistrati u vverifikati.
- 100 Rapport Annwali 2024, (ara l-kapitolu 14 tal-UPPE Akademja u taħriġ estern).
- 101 Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Komputers għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-UE) (ara paġna 3, paragrafu 16).
- 102 Skont il-prinċipju tat-trasparenza u d-dritt tal-individwi li jkollhom aċċess għal dokumenti, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra residenti jew li għandha ufficijal rregjistrat fi Stat Membru għandhom, soġġett għal ċerti prinċipji, kundizzjonijiet u limiti, dritt ta' aċċess għal dokumenti prodotti jew miżmuma mill-UPPE. L-aċċess jista' jiġi rrifutat biss fċirkostanzi speċifiċi u eċċeżżjonali. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprevedi regoli ġenerali għall-aċċess għad-dokumenti. Regoli ta' implimentazzjoni għall-aċċess għad-dokumenti tal-UPPE ġew adottati mill-Kulleġġ tal-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020 (id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 008/2020). Skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, dak id-dritt tal-aċċess għal dokumenti ma japplikax għal dokumenti li huma parti mill-fajls tal-każijiet tal-UPPE.
- 103 Juzgado Central de Instrucción No 6 de Madrid (Spanja).
- 104 Mincu Pätrašu Brâncuși vs EPPO.
- 105 PU vs l-UPPE.
- 106 Giuffrida vs l-UPPE.
- 107 Research Investments et vs l-UPPE.
- 108 UPPE, Investigazzjoni Goliath: Mexxejja suspettati ta' grupp kriminali internazzjonali akkużati bi frodi tal-VAT li tamonta għal EUR 93 miljun (Stqarrja għall-istampa, 9 ta' Awwissu 2024) <<https://www.eppo.europa.eu/en/media/news/investigation-goliath-suspected-ring-leaders-international-crime-group-charged-eu93>>.



L-Uffīċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

KU-01-24-005-MT-N
ISBN 978-92-9409-051-5